

Brussell, 3 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

9651/22

AGRI 219
AGRILEG 88
FOOD 37
SAN 323
PHYTOSAN 22
VETER 51
ENV 514
CLIMA 245
CODEX 10
WTO 102
RELEX 711

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 226 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL L-applikazzjoni ta' standards tas-saħħa u tal-ambjent tal-UE għal prodotti agrikoli u agroalimentari importati

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 226 final.

Mehmuż: COM(2022) 226 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.6.2022
COM(2022) 226 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**L-applikazzjoni ta' standards tas-saħħa u tal-ambjent tal-UE għal prodotti agrikoli u
agroalimentari importati**

1. INTRODUZZJONI

F’Lulju 2021, matul in-negozjati dwar ir-riforma tal-Politika Agrikola Komuni, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew stiednu lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tippreżenta:

rapport li fih valutazzjoni tar-raġunament u l-fattibbiltà legali tal-applikazzjoni tal-istandards tas-saħħa u ambjentali tal-UE (inklużi l-istandards tat-trattament xieraq tal-annimali kif ukoll il-proċessi u l-metodi tal-produzzjoni) għall-prodotti agrikoli u agroalimentari importati kif ukoll l-identifikazzjoni tal-inizjattivi konkreti sabiex tiġi żgurata konsistenza aħjar fl-applikazzjoni tagħhom, f’konformità mar-regoli tad-WTO. Dan ir-rapport għandu jkopri l-oqsma ta’ politika pubblika rilevanti kollha inkluż – iżda mhux limitati għal – il-Politika Agrikola Komuni, il-Politika dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, il-politika ambjentali u l-Politika Kummerċjali Komuni¹.

Dan ir-Rapport iwieġeb din is-sejħa. Dan jidentifika azzjonijiet li l-UE diġà qiegħda tiegħu fil-livelli multilaterali u bilaterali, iżda wkoll b’mod awtonomu, sabiex jiġi indirizzat it-tħassib ambjentali globali jew l-aspettattivi taċ-ċittadini fir-rigward ta’ prodotti agrikoli jew agroalimentari importati, b’enfasi fuq l-applikazzjoni ta’ standards tas-saħħa u ambjentali (inkluż it-trattament xieraq tal-annimali) għal prodotti importati u sfidi marbuta mal-applikazzjoni ta’ tali standards.

Konsultazzjoni pubblika², li fiha aktar minn 160 parti kkonċernata ppreżentaw il-kummenti tagħhom, id-dibattitu ta’ orjentazzjoni fil-Kunsill Agrikoltura u Sajd fi Frar tal-2022 kif ukoll ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Istrateġija “Mill-Għalqa sal-Platt”³ informaw ir-Rapport.

1.1. Il-ħtieġa ta’ trasformazzjoni globali għal sistemi tal-ikel sostenibbli

Minn nofs is-snin disgħin, bl-adozzjoni ta’ konvenzjonijiet ambjentali ewlenin⁴, l-għarfien dwar l-impatt globali tas-sistemi tal-ikel moderni fuq l-ambjent evolva ħafna, u dan wassal ukoll għal tħassib soċjetali u etiku aktar b’saħħtu dwar il-mod kif jiġi prodott u kkonsmat l-ikel. Hemm ukoll il-ħtieġa ta’ tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli li huma anqas dipendenti fuq il-fjuwils fossili fil-livell globali.

Is-sistemi tal-ikel huma globalment responsabbli għal kwart tal-emissjonijiet annwali tal-gassijiet serra⁵ u huma l-ixprunatur primarju tat-telfien tal-bijodiversità⁶. Kważi 90 % tad-

¹ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-10991-2021-ADD-1/en/pdf>

² https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13371-Imports-of-agricultural-and-food-products-applying-EU-health-and-environmental-standards-report_mt

³ [Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta’ Ottubru 2021 dwar Strateġija “Mill-Għalqa sal-Platt” għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent](#) (2020/2260(INI)).

⁴ B’mod partikolari, il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni.

⁵ IPCC (2020), *Climate Change and Land: an IPCC special report on climate change, desertification, land degradation, sustainable land management, food security, and greenhouse gas fluxes in terrestrial ecosystems*.

⁶ IPBES (2019), *Summary for policymakers of the global assessment report on biodiversity and ecosystem services of the Intergovernmental Science-Policy Platform on Biodiversity and Ecosystem Services*, il-punt B1 fil-paġna 12. Ara wkoll eż. Benton, T. G., Bieg, C., Harwatt, H., Pudasaini, R. u L. Wellesley (2021), *Food system impacts on biodiversity loss: three levers for food system transformation in support of nature*.

deforestazzjoni globali hija kkawżata mill-espansjoni tal-art użata għall-agrikoltura, impatt akbar milli kien maħsub qabel⁷. Min-naħa l-oħra, it-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali qegħdin jagħmlu s-sistemi globali tal-ikel anqas reżiljenti u aktar esposti għal sfidi kbar bħall-iskarsezza tal-ilma, id-degradazzjoni tal-art u eventi tat-temp estremi, li jkomplu jimminaw is-sigurtà tal-ikel u jżidu r-riskju ta' mard zoonotiku⁸.

Illum, kważi persuna waħda minn kull tlieta madwar id-dinja tbat l-ġuħ jew ma għandhiex aċċess regolari għal ikel nutrittiv u suffiċjenti⁹. Fl-istess ħin, kważi 40 % tal-popolazzjoni adulta globalment għandha piż żejjed¹⁰. Fl-UE, id-dieti mhux tajbin għas-saħħa huma kawża ewlenija ta' mard u ta' mwiet prematuri¹¹.

Is-saħħa interkonnessa mill-qrib tal-bnedmin, tal-annimali u tal-ambjent hija riflessa fl-approċċ Saħħa Waħda, definit bħala approċċ integrat u li jgħaqqad, li għandu l-għan li jibbilanċja b'mod sostenibbli u li jottimizza s-saħħa tal-persuni, tal-annimali u tal-ekosistemi¹². L-approċċ Saħħa Waħda huwa rikonoxxut f'impenji u f'dikjarazzjonijiet globali, bħad-Dikjarazzjoni Politika tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar ir-Reżistenza għall-Antimikrobiċi¹³, ir-Riżoluzzjoni 3/4 tal-Assemblea tan-NU għall-Ambjent dwar l-ambjent u s-saħħa¹⁴, ir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa tan-NU dwar it-tisħiħ tal-isforzi dwar is-sikurezza alimentari¹⁵, u r-Riżoluzzjoni 5/11 tal-Assemblea tan-NU għall-Ambjent dwar il-bijodiversità u s-saħħa¹⁶.

Is-Summit tan-NU dwar is-Sistemi tal-Ikel f'Settembru tal-2021 iġġenera kunsens globali wiesa' li tranżizzjoni għal sistemi tal-ikel sostenibbli u reżiljenti hija essenzjali sabiex tiġi indirizzata l-kriżi planetarja tagħna u sabiex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) kollha, u ħoloq momentum għal bidla globali meħtieġa b'mod urġenti. Ħafna pajjiżi ppreżentaw il-perkorsi nazzjonali tagħhom sabiex itejbu s-sostenibbiltà tal-agrikoltura u tal-ikel¹⁷.

Dokument ta' Riċerka ta' Chatham House. Londra; Secretariat of the Convention on Biological Diversity (2020), *Global Biodiversity Outlook 5*, Montreal, p. 64.

⁷ FAO (2021), *COP26: Agricultural expansion drives almost 90 percent of global deforestation. FAO Remote Sensing Survey findings* (<https://www.fao.org/newsroom/detail/cop26-agricultural-expansion-drives-almost-90-percent-of-global-deforestation/en>).

⁸ UN Environment Programme and International Livestock Research Institute (2020), *Preventing the Next Pandemic: Zoonotic diseases and how to break the chain of transmission*, Nairobi.

⁹ FAO, IFAD, UNICEF, WFP u WHO (2021), *The State of Food Security and Nutrition in the World 2021. Transforming food systems for affordable healthy diets* (<https://www.fao.org/3/cb4474en/online/cb4474en.html>).

¹⁰ WHO (2021), *Skedi informattivi: Obesity and overweight* (<https://www.who.int/news-room/fact-sheets/detail/obesity-and-overweight>).

¹¹ https://knowledge4policy.ec.europa.eu/health-promotion-knowledge-gateway/eu-burden-non-communicable-diseases-key-risk-factors_en

¹² WHO (2021), *Tripartite and UNEP support OHHLEP's definition of 'One Health'* (<https://www.who.int/news/item/01-12-2021-tripartite-and-unep-support-ohhlep-s-definition-of-one-health>).

¹³ <https://digitallibrary.un.org/record/845917?ln=en>

¹⁴ https://wedocs.unep.org/bitstream/handle/20.500.11822/30795/UNEA3_4EN.pdf?sequence=1&isAllowed=y

¹⁵ https://apps.who.int/gb/ebwha/pdf_files/WHA73/A73_R5-en.pdf

¹⁶ <https://www.unep.org/environmentassembly/unea-5.2/proceedings-report-ministerial-declaration-resolutions-and-decisions-unea-5.2?%2Fproceedings-report-ministerial-declaration-resolutions-and-decisions-unea-5.2>

¹⁷ Summit tan-NU dwar is-Sistemi tal-Ikel (2021), *Member State Dialogue Convenors and Pathways - Food Systems Summit Dialogues* (https://summitdialogues.org/overview/member-state-food-systems-summit-dialogues/convenors/?_se=ZWxlbmFhdmVyeUB5YWhvby5jby5law%3D%3D&utm_campaign=Food).

Fl-istess spirtu, id-dikjarazzjoni adottata mill-mexxejja tal-G20¹⁸ f'Ruma f'Ottubru tal-2021 tirrikonoxxi li “il-promozzjoni ta’ sistemi tal-ikel sostenibbli, inkluż billi jissaħħu l-ktajjen tal-valur tal-ikel globali, reġjonali u lokali u l-kummerċ internazzjonali tal-ikel, se tikkontribwixxi mhux biss għas-sigurtà tal-ikel iżda se tagħti wkoll kontribut kbir sabiex jiġu indirizzati l-isfidi globali interkonnessi tat-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità”¹⁹.

1.2. Strateġija tal-UE għal sistemi tal-ikel sostenibbli

It-triq tal-UE lejn sistemi tal-ikel sostenibbli tressqet fl-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt (F2F)²⁰ ippubblikata flimkien mal-Istrateġija għall-Bijodiversità²¹ f'Mejju tal-2020 bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew²². L-Istrateġija F2F tistabbilixxi aġenda għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent li teħtieġ sforzi mill-atturi kollha, inkluż mill-konsumaturi, sabiex jadattaw għal standards ġodda u aktar stretti ta’ saħħa, ambjentali u tat-trattament xieraq tal-annimali. It-trasformazzjoni għandha tirriżulta f’sostenibbiltà akbar, fil-preservazzjoni u fit-titjib tal-bijodiversità u fil-promozzjoni ta’ sistemi tal-azjendi agrikoli li jirrispettaw il-bijodiversità.

Il-Politika Agrikola Komuni l-ġdida tfasslet sabiex tiggwida u tappoġġa lill-bdiewa Ewropej – inkluż lill-bdiewa ż-żgħar – sabiex itejbu l-prestazzjoni ambjentali u klimatika tagħhom permezz ta’ mudell aktar orjentat lejn ir-riżultati.

Is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-ikel hija kwistjoni globali u l-UE waħedha ma tistax tindirizza b’suċċess it-tneħħid globali relatat mal-mod kif jiġi prodott u kkonsmat l-ikel. L-Istrateġija F2F tistabbilixxi l-ambizzjoni tal-UE li ssir mexxejja globali fis-sostenibbiltà tal-ikel permezz tal-kooperazzjoni internazzjonali tagħha dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni fl-ikel, billi tibni sħubijiet, billi tippromwovi standards li jappoġġaw prattiki sostenibbli fil-livell internazzjonali u permezz tal-politiki kummerċjali u tal-iżvilupp tagħha.

1.3. L-UE bħala attur globali

L-UE hija l-akbar esportatur fid-dinja u t-tielet l-akbar importatur ta’ prodotti agroalimentari, inkluż l-akkwakultura²³. L-importazzjonijiet tal-UE huma ddominati minn prodotti li fil-biċċa l-kbira tagħhom ma humiex prodotti internament (eż. il-kafè, it-te, iż-żejt tal-palm, il-frott tropikali), prodotti kontra l-istaġun, jew li l-produzzjoni tagħhom hija limitata jew insuffiċjenti biex tissodisfa d-domanda (eż. il-fażola tas-sojja u s-smida tas-sojja). L-esportazzjonijiet tal-UE jkopru l-firxa sħiħa ta’ prodotti minn komoditajiet bħat-trab tal-ħalib,

¹⁸ Il-membri tal-G20 jammontaw għal madwar 80 % tal-kummerċ globali fil-prodotti agrikoli u 60 % tal-art agrikola tad-dinja.

¹⁹ <https://www.consilium.europa.eu/media/52730/g20-leaders-declaration-final.pdf>

²⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Strateġija “Mill-Għalqa sal-Platt” għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent. COM(2020)381 final.

²¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030. Inreġġgħu n-natura lura f’haġjitna. COM(2020)380 final.

²² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew. COM(2019)640 final.

²³ Il-Kummissjoni Ewropea (2021), [Agri-food trade in 2020: Report](#).

il-laħam tal-majjal u ċ-ċereali sa prodotti ta' valur miżjud għoli bħall-inbejjed u l-ispirti, iż-żjut taż-żebbuġa jew il-ġobniet, li jirriżultaw f'surplus qawwi fil-kummerċ²⁴.

Bħala attur importanti fis-swieq internazzjonali tal-ikel, l-UE għandha impatt konsiderevoli fuq pajjiżi terzi (jiġifieri mhux tal-UE) permezz tal-politika kummerċjali tagħha u l-kapaċità li tinfluwenza l-iżvilupp ta' regolamenti u standards ta' sinifikat globali. Il-politika kummerċjali tal-UE tista' tintuża – flimkien ma' għodod oħra, bħall-politika ta' promozzjoni agroalimentari tal-UE – biex jiżdied l-għarfien tal-istandards għoljin tal-prodotti agroalimentari tal-UE barra l-UE u biex tippromwovi t-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli globalment f'konformità mal-SDGs tan-NU. Il-Kummissjoni taħdem ukoll b'mod konġunt mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fuq attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni fuq sistemi tal-ikel sostenibbli.

Għaldaqstant, ir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali ta' Frar 2021²⁵ jistabbilixxi t-triq għal politika kummerċjali miftuħa, sostenibbli u assertiva li tkun tista' ssawwar aħjar il-bidla globali u tirrifletti l-interessi u l-valuri strateġiċi tal-UE, f'konformità mar-regoli tad-WTO. Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali huma fost il-prijoritajiet ewlenin għall-UE. Sabiex din il-viżjoni ssir realtà se tkun meħtieġa azzjoni fil-livelli kollha.

Barra minn hekk, l-UE u l-Istati Membri tagħha impenjaw ruħhom għall-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp (PCD). Permezz tal-PCD, dawn ifittxu li jqisu l-oġettivi ta' żvilupp f'politiki li x'aktarx ikollhom impatt fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. Il-PCD għandha l-għan li timminimizza l-kontradizzjonijiet u li tibni sinerġiji bejn diversi politiki tal-UE u li żżid l-effettività tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, għall-benefiċċju tal-pajjiżi sħab. Sa mill-introduzzjoni tiegħu fid-dritt tal-UE bit-Trattat ta' Maastricht (1992), il-Kunsens Ewropew il-ġdid dwar l-Iżvilupp²⁶ afferma mill-ġdid l-impenn tal-UE għall-PCD u rrikonoxxiha bħala element kruċjali tal-istrateġija sabiex jintlaħqu l-SDGs fil-pajjiżi sħab.

Fl-istess ħin, l-UE tiddependi fuq il-kummerċ mhux biss bħala suq u sors ta' kompetittività għall-industrija tal-ikel tagħha iżda wkoll bħala mezz sabiex tiġi żgurata d-diversità tal-provvista tal-ikel. Kif identifikat fil-Komunikazzjoni dwar is-sigurtà tal-ikel²⁷, l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja żvelat nuqqasijiet li jwasslu għal riskji għas-sistema globali tas-sigurtà tal-ikel; dawn in-nuqqasijiet għandhom jiġu indirizzati b'modi li jtejbu t-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli, reżiljenti u ġusti fl-UE u globalment.

²⁴ Fl-2020, il-kummerċ agroalimentari fl-EU-27 iġġenera surplus fil-kummerċ ta' EUR 62 biljun ekwivalenti għal 28,5 % tas-surplus kummerċjali totali tal-EU-27 (ara n-nota 23).

²⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni. Rieżami tal-Politika Kummerċjali – Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva. COM(2021)66 final.

²⁶ [*The new European consensus on development 'our World, our Dignity, our Future': joint statement by the Council and the representatives of the governments of the Member States meeting within the Council, the European Parliament, and the European Commission*](#), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2018.

²⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: Is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tiżiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel. COM(2022)133 final.

2. KONFORMITÀ MAL-ISTANDARDS TAL-UE

2.1. L-istandards tas-saħħa

L-UE għandha sistema sanitarja u fitosanitarja robusta fis-seħħ sabiex tiżgura li l-ikel kollu mqiegħed fis-suq tal-UE jissodisfa r-rekwiżit ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' pesti jew mard fost il-pjanti u l-annimali. L-importazzjonijiet agroalimentari kollha jridu jikkonformaw mar-rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji tal-UE jew mal-kundizzjonijiet rikonoxxuti mill-UE li jkunu mill-anqas ekwivalenti għalihom²⁸. Ir-regoli huma bbażati fuq evidenza xjentifika u l-istandards internazzjonali jitqiesu kif xieraq matul il-proċess ta' elaborazzjoni.

Il-konformità tal-annimali, tal-pjanti jew tal-prodotti li jidħlu fl-UE minn pajjiżi terzi mal-istandards u mar-rekwiżiti rilevanti tal-UE tiġi vverifikata permezz ta' sistemi ta' kontroll effettivi implimentati mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri tal-UE. Ir-rekwiżiti tal-importazzjoni u s-sistema ta' kontroll huma bbażati fuq ir-riskju, li jfisser li l-ambitu u l-intensità tal-kontrolli jiġu adattati għar-riskju li jinħoloq minn annimali, pjanti jew prodotti partikolari. It-tip ta' kontrolli jiddependi mit-tip ta' prodotti u mir-riskji assoċjati magħhom (eż. ikel ta' orġini mill-annimali jew mhux mill-annimali), filwaqt li titqies l-evidenza xjentifika, kif ukoll diversi sorsi ta' informazzjoni dwar in-nuqqas ta' konformità, bħal inċidenti tal-ikel, tifqigħat ta' mard tal-annimali jew pesti tal-pjanti, ir-riżultati tal-kontrolli fuq il-fruntieri u tal-informazzjoni riċevuta minn pajjiżi terzi.

Barra minn hekk, bħala parti mill-mekkaniżmu ta' konformità, il-Kummissjoni twettaq kontrolli, inklużi awditi, skont programm ta' ħidma annwali ppubblikat sabiex tivverifika li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri tal-UE u f'pajjiżi mhux tal-UE li jesportaw lejn l-UE jissodisfaw l-obbligi legali tagħhom. Il-kontrolli tal-Kummissjoni jiffokaw fuq is-sistemi ta' kontroll aktar milli fuq bini individwali.

It-tħassib dwar is-saħħa pubblika relatat mal-produzzjoni agroalimentari, madankollu, ma huwiex relatat biss mar-rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji. Ir-Regolament 2019/6 dwar il-prodotti mediċinali veterinarji (ir-Regolament VMP)²⁹, li japplika minn Jannar 2022, jipprevedi firxa wiesgħa ta' miżuri konkreti għall-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR). L-organiżmi reżistenti għall-antimikrobiċi jistgħu jinfirxu mhux biss mill-ikel li joriġina mill-annimali iżda wkoll direttament minn persuna għal oħra jew bejn persuni u annimali. Il-miżuri li jippromwovu użu aktar prudenti u responsabbli tal-antimikrobiċi fl-annimali se jappoġġaw l-ilħuq tal-oġettiv tal-Istrateġija F2F, jiġifieri li sal-

²⁸ Fir-rigward tas-sikurezza alimentari, dan ir-rekwiżit jinsab fl-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (il-“Liġi Ġenerali dwar l-Ikel”, ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1) li jiddikjara li *“ikel u għalf importat fil-Komunità għat-tqegħid fis-suq fil-Komunità għandu jikkonforma mal-ħtiġijiet rilevanti tal-liġi dwar l-ikel jew kondizzjonijiet li għandhom l-għarfien mill-Komunità li jkunu ta' lanqas ekwivalenti għal dawk jew, fejn jeżisti xi ftehim speċifiku bejn il-Komunità u l-pajjiż esportatur, mal-ħtiġijiet li jkunu jinsabu fih”*. Il-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel hija qafas li jkopri l-aspetti fundamentali kollha tal-politika dwar is-sikurezza tal-ikel u li tiġi applikata għall-miżuri kollha li jikkonċernaw l-ikel jew l-għalf imqiegħed fis-suq tal-UE, u tħalli barra mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha biss il-produzzjoni primarja għall-użu domestiku privat.

²⁹ Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji, ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43.

2030, il-bejgħ globali tal-UE tal-antimikrobiċi għall-annimali tar-razzett u fl-akkwakultura, jitnaqqas b'50 %. F'dan il-kuntest, se jiġu stabbiliti rekwiżiti ġodda abbażi tal-Artikolu 118 tar-Regolament dwar il-VMP fir-rigward tal-użu ta' antimikrobiċi fl-annimali u fil-prodotti ta' oriġini mill-annimali maħsuba għall-importazzjoni fl-UE. Jiġifieri, dawn ma jistgħux jiġu ttrattati b'antimikrobiċi għall-fini ta' promozzjoni tat-tkabbir jew żieda fir-rendiment jew b'antimikrobiċi indikati fl-UE bħala riżervati għat-trattament ta' ċerti infezzjonijiet fil-bnedmin.

2.2. L-istandards ambjentali u tat-trattament xieraq tal-annimali

L-importazzjonijiet tal-ikel kollu mqiegħed fis-suq tal-UE jridu jikkonformaw mal-istandards rilevanti tal-UE relatati mal-prodotti finali, li huma applikabbli irrispettivament minn jekk il-prodott jiġix prodott domestikament jew jiġix importat. Madankollu, ir-rekwiżiti dwar il-mod kif jiġu prodotti l-prodotti (imsejħa "metodi ta' proċess u ta' produzzjoni" – PPMs) normalment ma jiġux imposti fuq il-prodotti importati. Bħalissa ma hemm l-ebda dispożizzjoni (orizzontali) ġenerali fid-dritt tal-UE li tirreferi għal rekwiżiti ambjentali jew – b'mod aktar ġenerali – ta' sostenibbiltà applikabbli għal prodotti tal-ikel domestiċi jew importati.

Ir-regolamenti PPM spiss japplikaw fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali jew tat-trattament xieraq tal-annimali, fejn il-miżuri sabiex jiġi limitat l-impatt ambjentali jew sabiex jiġi indirizzat it-tħassib etiku ma humiex marbuta mal-prodott finali nnifsu, iżda mal-produzzjoni ta' dak il-prodott. Għalhekk, jekk japplikaw tali standards għall-importazzjonijiet, dawn *de facto* "jirregolaw" il-proċess tal-produzzjoni barra mill-pajjiż, sa fejn il-prodotti kkonċernati huma maħsuba li jinbiegħu fis-suq tal-pajjiż li jirregola. Barra minn hekk, il-PPMs jistgħu lanqas biss jaffettwaw il-karatteristiċi fiżiċi tal-prodott finali. F'tali każijiet, jintuża t-terminu "proċessi u metodi ta' produzzjoni mhux relatati mal-prodott" (NPR-PPMs).

Filwaqt li l-UE ma timponix b'mod sistematiku tali standards fuq il-prodotti importati, ċerta **leġislazzjoni** tal-UE **dwar it-trattament xieraq tal-annimali** diġà hija applikabbli għall-importazzjonijiet. L-UE tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tal-qatla, kif ukoll rigward il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport. Ir-Regolament 1099/2009³⁰ jirrikjedi li pajjiżi terzi li jesportaw il-laħam lejn l-UE japplikaw tal-anqas standards ekwivalenti għal dawk fir-Regolament tal-UE. Għal dan il-għan, il-pajjiżi terzi jikkonfermaw fiċ-ċertifikat tal-esportazzjoni li mill-anqas ġew issodisfati l-istandards tat-trattament xieraq tal-annimali waqt il-qatla ekwivalenti għal dawk tal-UE u dan qatt ma ġie kkontestat mis-sħab kummerċjali. Il-Kummissjoni tivvaluta l-kapaċità tal-pajjiżi li japprovaw l-attestazzjoni ta' hawn fuq matul l-awditi tal-iġjene tal-laħam. Bl-istess mod, l-annimali importati fl-UE jridu jkun tajbin għat-trasport f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tal-UE, li l-pajjiżi terzi jridu jikkonfermaw fiċ-ċertifikat uffiċjali f'konformità mar-Regolament 1/2005³¹. Sett ta' rekwiżiti jrid jiġi ssodisfat ukoll mit-trasportaturi li jridu jiġu awtorizzati u rrappreżentati fl-Istati Membri fejn japplikaw għal awtorizzazzjoni. L-UE għandha wkoll

³⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla, ĠU L 303, 18.11.2009, p. 1.

³¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati, ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1.

sistema obbligatorja ta' tikkettar dwar it-trattament xieraq tal-annimali għall-bajd tal-mejda³² li tindika l-metodu ta' produzzjoni (gagėg, trobbija fil-beraħ, matmura tal-qamħ, eċċ.).

Fl-aħħar nett, għal raġunijiet ta' trattament xieraq tal-annimali u sabiex jiġi indirizzat it-tħassib taċ-ċittadini tal-UE, l-UE ttipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' prodotti mill-foki³³ (ħlief għal prodotti li ġejjin minn kaċċa mwettqa minn komunitajiet indiġeni), kif ukoll tal-pil tal-qtates u tal-klieb u ta' prodotti li fihom tali pil³⁴.

3. KUNTEST INTERNAZZJONALI

3.1. Ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ

Ir-regoli globali tal-kummerċ għandhom l-għan li jiżguraw qafas prevedibbli u mhux diskriminatorju għall-kummerċ filwaqt li jissalvagwardjaw id-dritt ta' kull pajjiż li jirregola f'konformità mal-preferenzi soċjetali tiegħu. L-iżvilupp sostenibbli u l-ħtieġa li jiġi protett l-ambjent huma fost il-prinċipji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ³⁵. Din it-taqsimat tanalizza l-legalità tal-applikazzjoni tal-istandards tas-saħħa, ambjentali (inkluż it-trattament xieraq tal-annimali) għall-prodotti importati skont il-qafas tad-WTO.

Id-WTO ma tiddubitax id-dritt tal-pajjiżi li jieħdu azzjoni sabiex jiproteġu l-ambjent jew il-moralità pubblika, inkluż tħassib dwar it-trattament xieraq tal-annimali, sakemm jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. Fil-fatt, matul dawn l-aħħar 20 sena, in-numru ta' notifikati relatati mal-ambjent sottomessi lid-WTO żdied b'aktar mid-doppju, u laħaq kważi s-17 % tan-notifikati kollha fl-2020³⁶.

Żewġ eżempji magħrufa sew ta' miżuri tal-PPM mhux relatati mal-prodott introdotti sabiex jiproteġu l-ambjent huma l-miżuri tal-Istati Uniti li jimponu projbizzjoni fuq it-tonn importat minn pajjiżi terzi li ma setgħux jagħtu prova li l-metodi tas-sajd tagħhom kienu jiproteġu lid-dniefel u l-miżuri li jimponu projbizzjoni fuq il-gambli maħsuda f'pajjiżi terzi mingħajr l-użu ta' teknoloġija għall-protezzjoni tal-fkieren tal-baħar. Iż-żewġ miżuri ġew ikkontestati quddiem id-WTO u d-deċiżjonijiet ikkontribwew għal fehim aħjar ta' kif il-ġurisdizzjoni tad-WTO tindirizza l-interfaċċa bejn il-kummerċ u l-ambjent³⁷.

³² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 589/2008 tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-termini tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li jikkonċerna n-normi tat-tqegħid fuq is-suq applikabbli għall-bajd, ĠU L 163, 24.6.2008, p. 6.

³³ Ir-Regolament (KE) Nru 1007/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-kummerċ tal-prodotti mill-foki, ĠU L 286 31.10.2009, p. 36.

³⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1523/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2007 li jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni fil-Komunità jew l-esportazzjoni mill-Komunità ta' pil tal-qtates u tal-klieb u ta' prodotti oħra li fihom pil ta' din ix-xorta, ĠU L 343, 27.12.2007, p. 1.

³⁵ Il-Preambolu għall-Ftehim ta' Marrakesh li Jistabilixxi d-WTO jiddikjara li l-membri jirrikonoxxu li r-relazzjonijiet tagħhom fil-qasam tal-kummerċ u l-isforz ekonomiku għandhom jitwettqu bil-għan li jogħlew l-istandards tal-għajxien, jiġu żgurati impjiegi sħaħ u volum kbir u li qiegħed jikber b'mod kostanti ta' introjtu reali u domanda effettiva, u l-espansjoni tal-produzzjoni u tal-kummerċ fil-prodotti u s-servizzi, filwaqt li jkun permess l-aħjar użu tar-riżorsi tad-dinja f'konformità mal-objettiv ta' żvilupp sostenibbli, li jfittex kemm li jiproteġi kif ukoll li jippreserva l-ambjent u li jtejjeb il-mezzi sabiex jagħmel dan b'mod konsistenti mal-ħtiġijiet u t-tħassib rispettivi tagħhom f'livelli differenti ta' żvilupp ekonomiku.

³⁶ Il-Kumitat tal-Kummerċ u l-Ambjent tad-WTO (2022), [Environmental database for 2020. Note by the Secretariat](#), id-Dok. tad-WTO WT/CTE/EDB/20, it-28 ta' Jannar 2022.

³⁷ US – Prohibition of Shrimps and Certain Shrimp Products, WTO Doc. WT/DS56/AB/R (98-000) (it-12 ta' Ottubru 1998) [Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell] u d-Dok. tad-WTO WT/DS58/R (il-15 ta' Mejju 1998) [Ir-

L-obbligi u d-drittijiet ġenerali dwar il-kummerċ fil-merkanzija huma stabbiliti fil-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 (GATT). L-ewwel pass fil-valutazzjoni tal-legalità ta' miżura li taffettwa l-merkanzija huwa jekk hijiex maqbuda minn waħda mir-regoli tal-GATT. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, fejn miżura tkun:

- diskriminatorja, jiġifieri jew tinqabad minn:
 - L-Artikolu I dwar it-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, li jirrikjedi li l-prodotti minn membru wieħed tad-WTO jridu jiġu ttrattati b'mod mhux anqas favorevoli mill-prodotti simili minn kwalunkwe pajjiż ieħor; jew
 - L-Artikolu III dwar it-trattament nazzjonali, li skontu, il-prodotti importati ma jistgħux jiġu ttrattati b'mod anqas favorevoli mill-prodotti simili domestiċi; jew
- restrizzjoni kwantitattiva li tillimita l-kwantità ta' prodott li jkun qiegħed jiġi importat jew esportat (l-Artikolu XI).

Miżura tkun **diskriminatorja** meta tikkostitwixxi jew (1) diskriminazzjoni *de jure*, jiġifieri, meta l-miżura tiddistingwi b'mod espliċitu bejn prodotti abbażi tal-orijini; jew (2) diskriminazzjoni *de facto*, jiġifieri, meta l-miżura tkun newtrali għall-orijini tagħha, iżda jkollha impatt detrimentali fuq il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni bejn prodotti simili minn membri differenti tad-WTO. Id-diskriminazzjoni *de facto* tista' teżisti, pereżempju, jekk il-prodotti domestiċi jkunu jistgħu jissodisfaw b'mod aktar faċli ċertu standard jew rekwiżit minn prodotti importati simili.

Jekk ma tinkiser l-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq, ġeneralment ma tkunx meħtieġa analiżi ulterjuri minħabba li l-miżura titqies kompatibbli mal-GATT. Jekk id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq jinkisru, il-miżura xorta tista' tibbenefika mill-eċċezzjonijiet ġenerali għar-regoli tal-GATT skont l-Artikolu XX tiegħu³⁸. Jekk tista', il-miżura tista' tinżamm u titqies bħala ġeneralment kompatibbli mal-GATT.

Sabiex tibbenefika mill-ġustifikazzjoni skont l-Artikolu XX tal-GATT, jeħtieġ li miżura:

- Ġenwinament issegwi wieħed jew aktar mill-**objettivi ta' politika** elenkati fl-Artikolu XX (“ġustifikazzjoni proviżorja”). Ir-raġunijiet l-aktar rikorrenti fir-rigward tar-regolamenti tal-PPM jikkonċernaw il-protezzjoni tal-ħajja tal-bniedem, tal-annimali, tal-pjanti jew tas-saħħa (l-Artikolu XX(b)), il-protezzjoni ta' riżorsi naturali (ħajjin u mhux ħajjin) li jispiċċaw (l-Artikolu XX(g)), il-morali pubbliċi (l-Artikolu XX(a)); u l-prodotti tax-xogħol tal-ħabs (l-Artikolu XX(e)). L-objettivi ta' natura

Rapport tal-Panel]; US – Restrictions on Imports of Tuna DS21/R - BISD 39S/155 (3 ta' Settembru 1991, mhux adottat) [*Tuna-Dolphin I*] u DS29/R (16 ta' Ġunju 1994, mhux adottat) [*Tuna-Dolphin II*].

³⁸ L-Artikolu XX(a), (b) u (g) tal-GATT jaqra:

“*Suġġett għar-rekwiżiti li miżuri bħal dawn mhumiex applikati b'mod li jikkostitwixxu mezz tal-arbitraġġ jew diskriminazzjoni mhux ġustifikata bejn pajjiżi fejn l-istess kundizzjonijiet jipprevalu jew restrizzjoni moħbija dwar il-kummerċ internazzjonali, xejn f'dan il-ftehim m'għandu jitqies biex jipprevjeni kwalunkwe Parti milli timponi jew tinforza miżuri:*

(a) *neċessarji għall-protezzjoni tal-morali pubblika;*

(b) *neċessarji għall-protezzjoni ta' saħħa jew ħajja tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti;*

(...)

(e) *relatati mal-prodotti tax-xogħol fil-ħabsijiet;*

(...)

(g) *relatati mal-konservazzjoni ta' riżorsi naturali li jispiċċaw jekk tali miżuri jsiru effettivi flimkien mar-restrizzjonijiet fuq il-produzzjoni jew il-konsum domestiku...”*

ekonomika, bħaż-żieda fil-kompetittività tal-produtturi domestiċi jew l-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi, ma humiex raġunijiet validi skont l-Artikolu XX tal-GATT għall-applikazzjoni ta' standards tal-PPM mhux relatati mal-prodott għall-importazzjonijiet;

- Tissodisfa **t-test tan-“neċessità”**, li jeħtieġ ibbilanċjar ta' diversi elementi:
 - Kunsiderazzjoni tal-importanza tal-objettivi segwiti għall-membri li jirregola. F'xi każijiet, projbizzjoni tista' tkun l-uniku mezz adegwat sabiex jintlaħaq l-objettiv mixtieq, meta mqabbel ma', eż. rekwiżit ta' tikkettar. F'dan ir-rigward, id-WTO kkonfermat il-projbizzjoni tal-UE fuq l-importazzjoni ta' prodotti mill-foki peress li kienet ibbażata fuq tħassib soċjetali qawwi³⁹. Bl-istess mod, l-UE tipprojbixxi l-importazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-pil tal-qtates u tal-klieb għal raġunijiet morali u etiċi⁴⁰. Il-miżura qatt ma ġiet ikkontestata mis-sħab kummerċjali u hija meqjusa kompatibbli bis-sħiħ mad-dritt tad-WTO.
 - Il-kontribut tal-miżura għall-objettivi, jiġifieri l-miżura trid tkun xierqa sabiex jintlaħqu l-objettivi ddikjarati jew trid tikkontribwixxi għal dan;
 - L-assenza ta' miżura alternattiva disponibbli li tkun anqas restrittiva għall-kummerċ, iżda li tagħmel kontribut ugwali jew aħjar għall-ilħuq tal-objettivi ddikjarati, filwaqt li titqies il-fattibbiltà teknika u ekonomika. Pereżempju, il-miżuri volontarji ġeneralment jitqiesu anqas restrittivi għall-kummerċ mill-miżuri obligatorji u t-tikkettar bħala anqas restrittiv għall-kummerċ minn projbizzjoni fuq l-importazzjonijiet;
- Tissodisfa l-kundizzjonijiet tax-“chapeau” tal-Artikolu XX, li jirrikjedi li ma għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux iġġustifikata fid-disinn, fl-istruttura u fl-applikazzjoni ta' miżura bejn pajjiżi fejn jipprevalu l-istess kundizzjonijiet, jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ internazzjonali.

Essenzjalment, sabiex tkun iġġustifikata skont l-Artikolu XX tal-GATT, trid tkun meħtieġa miżura sabiex jintlaħaq wieħed jew aktar mill-objettivi ta' politika koperti, trid tittratta l-prodotti domestiċi u importati b'mod ugwali u ma jkollhiex elementi protezzjonisti. Għandhom jitqiesu l-piż u l-kostijiet imposti fuq il-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż is-sħab internazzjonali, l-amministrazzjonijiet pubbliċi, l-importaturi, l-esportaturi u l-utenti. Ittfassil ta' tali miżuri għandu jipprevedi wkoll flessibbiltà suffiċjenti sabiex jitqiesu l-kundizzjonijiet speċifiċi u l-metodi ta' produzzjoni potenzjalment differenti tal-pajjiżi esportaturi, sakemm dan isir b'mod ġust, eż. billi jiġu rikonnoxxuti metodi ta' produzzjoni ta' pajjiżi terzi bħala li jipprevedu livell komparabbli ta' effettività bħall-istandards tal-UE.

Il-miżura għandha tqis kwalunkwe regola jew standard internazzjonali rilevanti. Jekk il-miżura titbiegħed minn dawn l-istandards, iridu jiġu pprovduti r-raġunijiet, bħall-eżistenza ta' informazzjoni addizzjonali, jew id-deċiżjoni li jiġi previst livell ogħla ta' protezzjoni.

Il-miżura għandha tkun ibbażata jew fuq ix-xjenza jew fuq informazzjoni oħra fejn rilevanti (eż. minn korp internazzjonali rilevanti, u tista' tinkludi rapporti, deċiżjonijiet, stħarriġ, eċċ.),

³⁹ KE – Measures Prohibiting the Importation and Marketing of Seal Products, WT/DS400/AB/R u WT/DS401/AB/R (22 ta' Mejju 2014).

⁴⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 1523/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2007 li jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni fil-Komunità jew l-esportazzjoni mill-Komunità ta' pil tal-qtates u tal-klieb u ta' prodotti oħra li fihom pil ta' din ix-xorta, ĠU L 343, 27.12.2007, p. 1.

li għandha tipprovdi bażi razzjonali għall-miżura, evidenti minn valutazzjoni xierqa. Jekk il-miżura tkun ibbażata fuq il-kunċett ta' prekawzjoni (fuq il-bażi li ċerta informazzjoni xjentifika tkun għadha ma hijiex disponibbli), din għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni pertinenti kollha disponibbli, tipprevedi l-kisba tal-informazzjoni meħtieġa għal valutazzjoni aktar kompluta u takkomoda l-possibbiltà ta' rieżami.

Tħassib li għandu dimensjoni globali u li huwa rikonoxxut fil-livell internazzjonali minn tal-anqas parti mill-komunità internazzjonali (eż. it-tibdil fil-klima, it-telfien tal-bijodiversità, l-AMR) huwa aktar probabbli li jiġi aċċettat bħala raġunijiet leġittimi għall-azzjoni.

Ir-regoli ta' hawn fuq tal-GATT huma żviluppatti ulterjorment fil-Ftehim dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ (il-Ftehim dwar l-OTK), li fih regoli relatati mad-diskriminazzjoni (l-Artikolu 2.1) u n-neċessità (l-Artikolu 2.2). Dan jispeċifika li r-regolamenti tekniċi ma jridux ikunu aktar restrittivi għall-kummerċ milli meħtieġ sabiex jiġu ssodisfati l-oġettivi leġittimi bħar-rekwiżiti tas-sigurtà nazzjonali; il-prevenzjoni ta' Prattiki qarrieqa; il-protezzjoni ta' saħħa jew sigurtà umana, il-ħajja jew saħħa ta' annimali jew pjanti, jew l-ambjent. Meta jiżviluppaw ir-regolamenti tekniċi tagħhom, il-membri tad-WTO huma mistennija jikkunsidraw, fost l-oħrajn, l-informazzjoni xjentifika u teknika disponibbli.

Il-Ftehim dwar l-OTK ma japplikax għar-regolamenti dwar il-PPM mhux relatati mal-prodott (minħabba li d-definizzjoni fl-Anness 1 tirreferi għall-“karatteristiċi ta' prodotti jew il-proċessi relatati *tagħhom* u metodi ta' produzzjoni”). Madankollu, dan japplika għal miżuri li jittrattaw it-terminoloġija, is-simboli, l-imballaġġ, l-immarkar jew it-tikkettar, kif japplikaw għal prodott, proċess jew metodi ta' produzzjoni. Jekk miżura taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar l-OTK, din tiġi analizzata taħt dak il-qafas. L-Artikolu XX tal-GATT ma japplikax f'każ ta' ksur tal-Ftehim dwar l-OTK peress li l-elementi tal-Artikolu XX tal-GATT diġà huma integrati b'mod effettiv fl-Artikoli 2.1 u 2.2 tal-Ftehim dwar l-OTK.

L-Artikolu XX(b) tal-GATT huwa żviluppat aktar bl-istess mod fil-Ftehim dwar l-Applikazzjoni ta' Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (il-Ftehim SPS), li fih ukoll dispożizzjonijiet relatati ma' diskriminazzjoni mhux ġustifikata (l-Artikoli 2.3 u 5.5) u n-neċessità (l-Artikoli 2.2 u 5.6). Madankollu, kif iddikjarat fl-Anness A tiegħu, il-Ftehim SPS japplika biss għal ċerti riskji speċifiċi li jinħolqu *fit-territorju* tal-Membru li jirregola.

Bħala konklużjoni, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha msemmija hawn fuq, ir-regolamenti nazzjonali tal-PPM jistgħu jitqiesu kompatibbli mar-regoli tad-WTO.

3.2. L-istandards u l-impenji internazzjonali dwar is-saħħa u l-ambjent

L-espansjoni tal-kummerċ internazzjonali fil-prodotti agroalimentari matul dawn l-aħħar diversi deċennji wasslet għall-ħtieġa li jiġu żviluppatti standards fil-livell internazzjonali sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju internazzjonali. Diversi organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom rwol importanti fl-iżvilupp ta' standards globali tal-ikel, b'mod partikolari fir-rigward tas-sikurezza tal-ikel u l-protezzjoni tal-konsumatur. Madankollu, ma hemm l-ebda forum dedikat li jaħdem fuq standards ta' sostenibbiltà / ambjentali applikabbli għall-ikel. Il-ħarsa ġenerali ta' hawn taħt tiffoka fuq l-organizzazzjonijiet internazzjonali eżistenti attivi fil-qasam tal-istandards tas-saħħa u daww ambjentali u l-impenji relatati mal-produzzjoni tal-ikel. Kif imsemmi hawn fuq, tħassib li għandu dimensjoni globali u li huwa rikonoxxut

internazzjonalment minn tal-anqas parti mill-komunità internazzjonali huwa aktar probabbli li jiġi aċċettat bħala raġunijiet leġittimi għall-azzjoni.

Fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u s-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, l-aktar tliet korpi internazzjonali importanti li jstabilixxu l-istandards, rikonoxxuti mid-WTO fil-Ftehim SPS, huma l-Kummissjoni Codex Alimentarius, l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali u s-Segretarjat tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti.

Il-Kummissjoni Codex Alimentarius (CAC) ġiet stabbilita mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura (FAO) tan-NU u mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) bħala tweġiba għat-tħassib dejjem akbar tal-konsumaturi dwar perikli potenzjali għas-saħħa relatati mal-ikel u l-proliferazzjoni ta' regolamenti nazzjonali dwar is-sikurezza tal-ikel li jimpedixxu l-kummerċ internazzjonali. Matul kważi 60 sena tal-attività kontinwa tagħha, is-CAC adottat aktar minn 200 standard tal-ikel, kif ukoll linji gwida, kodiċijiet ta' prattika dwar l-iġjene, it-tikkettar, l-ikel prodott minn organiżmi ġenetikament modifikati, ir-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR), il-livelli massimi għall-kontaminanti fl-ikel jew għall-addittivi tal-ikel, il-limiti massimi għar-residwi tal-pestiċidi jew għar-residwi ta' mediċini veterinarji fl-ikel. Fl-2021, it-Task Force tagħha dwar l-AMR żviluppat gwida bbażata fuq ix-xjenza sabiex tippermetti ġestjoni koerenti tal-AMR tul il-katina alimentari.

L-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE⁴¹) tistabilixxi standards internazzjonali dwar is-saħħa tal-annimali, it-trattament xieraq tal-annimali u l-produzzjoni tal-annimali inkluż l-AMR. L-OIE tindirizza wkoll l-AMR permezz tal-alleanza Kwadripartitika, kooperazzjoni konsolidata bejn id-WHO, l-FAO, il-Programm tan-NU għall-Ambjent (UNEP) u l-OIE billi tibbaża fuq il-mandat ewlieni tagħhom li jindirizzaw il-firxa wiesgħa ta' ħtiġijiet tar-rispons globali kontra l-AMR. Fis-seba' pjan strateġiku tagħha għall-perjodu bejn l-2021 u l-2025⁴², l-OIE tenfasizza li, filwaqt li t-titjib fis-saħħa u fit-trattament xieraq tal-annimali huwa l-mandat ewlieni tagħha, dan se jgħin sabiex jiġi ppreservat il-futur tal-umanità. Barra minn hekk, il-kontribut għall-għanijiet globali permezz ta' sostenibbiltà mtejba tal-produzzjoni tal-annimali għadu wieħed mill-oġettivi prevalenti tal-OIE.

Il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti (IPPC) hija trattat intergovernattiv iffirmit minn aktar minn 180 pajjiż, li għandu l-għan li jipproteġi r-riżorsi tal-pjanti tad-dinja mit-tixrid u mill-introduzzjoni ta' pesti tal-pjanti u jippromwovi kummerċ sikur. Il-Konvenzjoni introduċiet Standards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji bħala l-għodda ewlenija tagħha sabiex tilħaq l-għanijiet tagħha, u b'hekk saret l-unika organizzazzjoni globali li tistabilixxi l-istandards għas-saħħa tal-pjanti. Fil-qafas strateġiku tiegħu għall-2020 sal-2030, l-IPPC tistabilixxi l-oġettivi strateġiċi li ġejjin: (a) ittejjeb is-sigurtà alimentari globali u żżid il-produttività agrikola sostenibbli; (b) tipproteġi l-foresti u l-ambjent mill-impatt tal-pesti tal-pjanti; u (c) tiffaċilita l-iżvilupp sikur tal-kummerċ u tkabbir ekonomiku.

L-UE tikkoopera wkoll mill-qrib mal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura (FAO) dwar l-agrikoltura, is-sajd, il-forestrija, il-bijodiversità, is-sigurtà tal-ikel, il-kriżijiet tal-ikel u s-sikurezza tal-ikel. Fl-2021, l-UE u l-FAO qablu fid-Djalogu Strateġiku tagħhom li jżidu l-

⁴¹ L-Organizzazzjoni żammet l-akronimu storiku tagħha li jfisser *Office International des Epizooties*.

⁴² https://web.oie.int/download/SG/2020/A_88SG_14_StrategicPlan.pdf

isforzi konġunti fuq l-aġendi komuni tagħhom sabiex jittrasformaw is-sistemi agroalimentari, sabiex jagħmluhom aktar inklużivi, effiċjenti, reżiljenti u sostenibbli. L-FAO ppubblikat diversi linji gwida dwar is-sostenibbiltà tal-akkwakultura⁴³, il-ġestjoni tal-ħamrija u dwar sistemi tal-ikel sostenibbli⁴⁴, li jiddefinixxu sistema tal-ikel sostenibbli, li jipprovdu r-raġunament għal approċċ olistiku li jagħti attenzjoni lir-rabtiet bejn l-aspetti soċjali, ambjentali u ekonomiċi tas-sistemi agroalimentari, il-limitazzjonijiet tal-approċċi attwali u l-ħtieġa li jinbidlu.

L-isforzi tal-UE deskritti hawn fuq sabiex jittieħdu miżuri li jħallu impatt sabiex tiġi miġġielda l-AMR jirriflettu wkoll ir-rikonoxximent internazzjonali mill-Grupp ta' Koordinazzjoni bejn l-Aġenziji ad hoc tan-NU dwar l-AMR (li jinkludi esperti mill-FAO, mid-WHO u mill-OIE) li hija meħtieġa azzjoni urġenti sabiex tiġi kkontrollata l-AMR, li tibda bit-tneħħija gradwali tal-użu ta' antimikrobiċi għall-promozzjoni tat-tkabbir fl-animali u l-istabbiliment ta' miżuri sabiex tiġi ppreservata l-effiċjenza tal-antimikrobiċi li huma l-aktar importanti għall-mediċina tal-bniedem.

Il-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija (CFS), forum tan-NU għar-rieżami u għas-segwitu tal-politiki dwar is-sigurtà tal-ikel, huwa involut ukoll b'mod attiv fit-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli⁴⁵.

Il-qafas strateġiku għall-bijodiversità mill-2010 sal-2020⁴⁶ tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (CBD) jinkludi diversi miri li huma rilevanti fil-kuntest tal-istandards u l-kummerċ fl-ikel, b'mod partikolari l-mira 7 dwar l-agrikoltura, l-akkwakultura u l-forestrija sostenibbli u l-mira 8 dwar it-tniġġis, inklużi nutrijenti żejda.

L-Inizjattiva Internazzjonali għad-Dakkara, immedija fil-qafas tas-CBD u implimentata mill-FAO mill-2000, hija l-istrument ta' politika ewlieni sabiex jiġi indirizzat it-theddid għad-dakkara fil-livell globali. Id-dakkara huma parti integrali minn ekosistemi b'saħħithom⁴⁷, b'mod partikolari l-agroekosistemi⁴⁸. Mingħajrhom, l-għelejjel u l-ispeċijiet ta' pjanti selvaġġi li jiddependu fuq id-dakkir bl-animali jonqsu u bosta eventwalment jisparixxu⁴⁹. Madankollu, id-dakkara qegħdin jonqsu fl-okkorrenza u fid-diversità fl-UE u globalment,

⁴³ L-Artikolu 9 tal-Kodiċi ta' Kondotta għal Sajd Responsabbli tal-FAO jstabbilixxi ċerti prinċipji għal akkwakultura responsabbli, inkluż ir-regolamentazzjoni tal-użu ta' inputs kimiċi fl-akkwakultura li huma perikolużi għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. L-FAO ħarġet diversi dokumenti ta' gwida dwar prattiki sostenibbli. L-UE bħalissa qiegħda tappoġġa l-progress lejn Linji Gwida komprensivi u ambizzjużi għal Akkwakultura Sostenibbli fil-kuntest tal-FAO, f'konformità mal-Linji Gwida Strateġiċi għall-akkwakultura tal-UE.

⁴⁴ FAO (2018), Sistemi tal-ikel sostenibbli: kunċett u qafas, Ruma.

⁴⁵ Ara, eż. CFS (2014), Principles for Responsible Investment in Agriculture and Food Systems, Ruma; CFS (2021), CFS Voluntary Guidelines on Food Systems and Nutrition, Ruma; Grupp ta' Livell Għoli ta' Esperti (HLPE) tas-CFS (2019), Agroecological and other innovative approaches for sustainable agriculture and food systems that enhance food security and nutrition. A report by the High Level Panel of Experts on Food Security and Nutrition of the Committee on World Food Security, Ruma; HLPE (2020), Food security and nutrition: building a global narrative towards 2030. A report by the High Level Panel of Experts on Food Security and Nutrition of the Committee on World Food Security, Ruma.

⁴⁶ <https://www.cbd.int/sp/>

⁴⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi, COM(2018)395 final u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjaha, SWD(2018)302 final/2.

⁴⁸ FAO (2019), State of the World's Biodiversity for Food and Agriculture, Ruma.

⁴⁹ 5 sa 8 % tal-produzzjoni attwali tal-għelejjel, b'valur tas-suq annwali ta' USD 235 sa 577 biljun (ċifri tal-2015) huwa attribwit direttament għad-dakkara (ara IPBES (2016), in-nota 50, pp. 4 u 154).

b'bosta speċijiet li huma mhedda mill-estinzjoni⁵⁰. Ir-rapport ta' valutazzjoni dwar id-dakkara tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES)⁵¹ isemmi t-tibdil fl-użu tal-art, il-ġestjoni agrikola intensiva u l-użu tal-pestiċidi, it-tniġġis ambjentali, l-ispeċijiet aljeni invażivi, il-patoġeni u t-tibdil fil-klima bħala t-treddid ewlieni għad-dakkara.

Barra minn hekk, il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (POPs) hija ftehim multilaterali għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent minn sustanzi kimiċi li jibqgħu intatti fl-ambjent għal perjodi twal, issir distribwita ġeografikament b'mod wiesa', takkumula fil-bnedmin u fl-organiżmi selvaġġi u għandha impatti dannużi fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent. Flimkien mal-Protokoll dwar il-POPs tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE)⁵², il-Konvenzjoni ta' Stokkolma tistabbilixxi reġimi internazzjonali stretti għall-POPs elenkati (16 fil-Protokoll tal-UNECE u 31 fil-Konvenzjoni ta' Stokkolma), li fosthom ħafna huma pestiċidi. Il-produzzjoni u l-użu ta' dawn is-sustanzi jridu jiġu eliminati jew ristretti b'mod sever. Minkejja l-fatt li ħafna POPs ġew ipprojbti snin ilu, dawn għadhom jistgħu jinstabu fl-ambjent bħala riżultat tal-persistenza tagħhom.

Fl-aħħar nett, il-ftehimiet volontarji, l-inizjattivi jew il-kodiċijiet tal-industrija u tal-entitajiet privati kif ukoll l-iskemi privati ta' sostenibbiltà għandhom ukoll rwol fil-promozzjoni tal-applikazzjoni ta' standards ambjentali u tat-trattament xieraq tal-annimali fil-ktajjen tal-valur globali, speċjalment fir-rigward tal-kummerċ fis-settur agroalimentari. Filwaqt li inizjalment ħarġu skemi privati ta' sostenibbiltà fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel, dawn qegħdin jiġu estiżi dejjem aktar għal kwistjonijiet ambjentali jew tat-trattament xieraq tal-annimali (eż. GLOBALG.A.P.). Eżempju ieħor ta' inizjattiva privata huwa r-Roundtable dwar iż-Żejt tal-Palm Sostenibbli⁵³ li tlaqqa' flimkien produttori, proċessuri jew negozjanti taż-żejt tal-palm, manifatturi, bejjieġġa bl-immnut, investituri u organizzazzjonijiet mhux governattivi ambjentali u soċjali sabiex jiżviluppaw u jimplimentaw skemi ta' sostenibbiltà globali għaż-żejt tal-palm.

4. OQSMA TA' AZZJONI TAL-UE

4.1. Fora multilaterali

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew saħaq fuq l-importanza ta' rispons globali għall-isfidi globali bħat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, u talab lill-UE sabiex tkompli tippromwovi u timplimenta politiki ambjentali u klimatiċi ambizzjużi madwar id-dinja. L-Istrateġija F2F stabbiliet ukoll - bħala wieħed mill-oġġettivi tal-UE - li tiġi promossa t-

⁵⁰ IPBES (2016), *The assessment report of the Intergovernmental Science-Policy Platform on Biodiversity and Ecosystem Services on pollinators, pollination and food production*, Potts S. G., Imperatriz-Fonseca V. L. u H. T. Ngo (eds), Segretarjat tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi, Bonn. L-IPBES huwa korp konsultattiv xjentifiku stabbilit skont is-CBD. Ara wkoll is-CBD (2007), *Pollinators: Key issues* (<https://www.cbd.int/agro/pollinatorkeyissues.shtml>); S. Fryday, K. Tiede u J. Stein (2015), *Scientific services to support EFSA systematic reviews: Lot 5 Systematic literature review on the neonicotinoids (namely active substances clothianidin, thiamethoxam and imidacloprid) and the risks to bees*. Pubblikazzjoni ta' sostenn tal-EFSA 2015:EN-756; FAO (2019), *Declining bee populations pose threat to global food security and nutrition* (<https://www.fao.org/news/story/en/item/1194910/icode/>).

⁵¹ IPBES (2016), ara n-nota 50.

⁵² Il-Protokoll ta' Aarhus dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes, adottat fl-1998 bħala żieda mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar it-Tniġġis Transkonfinali tal-Arja fuq Distanza Twila.

⁵³ <https://rspo.org/>

tranżizzjoni globali għal sistemi tal-ikel sostenibbli f'korpi li jstabilixxu l-istandards u li tmexxi l-ħidma fuq standards internazzjonali ta' sostenibbiltà. F'fora multilaterali, l-UE kienet waħda mill-aktar vuċijiet b'saħħithom li kienet favur l-urġenza tat-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli. Din trid tiegħu rwol ewlieni fl-iżgurar ta' segwitu tanġibbli, u l-aktar għodda effettiva sabiex dan isseħħ hija s-setgħa normattiva tal-UE bħala għodda importanti li tistabilixxi standards u wieħed mill-akbar esportaturi u importaturi agroalimentari tad-dinja. It-Taqsima 3.2 iprovdiet ħarsa ġenerali lejn l-organizzazzjonijiet u l-inizjattivi eżistenti fil-qasam tas-sistemi agroalimentari sostenibbli. Din it-taqsima tidentifika l-oqsma ewlenin ta' azzjoni fil-livell multilaterali li huma ta' importanza partikolari għall-UE sabiex issegwi l-oġettivi tagħha relatati mat-tranżizzjoni globali lejn sistemi tal-ikel sostenibbli.

Segwitu tas-Summit tan-NU dwar is-Sistemi tal-Ikel

Is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-ikel hija kwistjoni trażversali li tgħaqqad il-bieċa l-kbira tal-isfidi klimatiċi u ambjentali attwali. Għall-kuntrarju ta' oqsma bħall-bijodiversità jew bħat-tibdil fil-klima, ma hemm l-ebda konvenzjoni qafas internazzjonali jew ftehim dwar sistemi tal-ikel sostenibbli li jhegġegħ l-iżvilupp ta' politika integrata u korp xjentifiku indipendenti li jinforma t-tfassil tal-politika (bħall-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima jew il-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi). F'dan il-kuntest, is-**Summit tan-NU dwar is-Sistemi tal-Ikel** tal-2021 kellu rwol importanti fil-konsolidazzjoni tal-azzjoni u fit-tlaqqiġ ta' diversi diskussjonijiet multilaterali dwar l-ikel.

F'dan l-isfond, il-Kummissjoni stabbiliet grupp ta' esperti sabiex jesplora l-ħtiġijiet u l-opzjonijiet għal qafas interkonness u koerenti sabiex jissaħħu l-interfaċċi internazzjonali tal-politika tax-xjenza fil-qasam tas-sistemi tal-ikel⁵⁴. F'konformità mal-ħtiġijiet identifikati, l-UE tappoġġa t-titjib tar-rwol tal-interfaċċa tal-politika tax-xjenza tal-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija.

L-UE hija impenjata wkoll li timpenja ruħha maċ-“Ċentru ta' koordinazzjoni tas-Sistemi tal-Ikel” propost. Iċ-“Ċentru”, ospitat mill-FAO, se jkollu funzjoni ta' koordinazzjoni sabiex ilaqqja u jgħaqqad l-għarfien u l-għarfien espert dwar is-sistemi tal-ikel sabiex jappoġġa l-progress dwar l-SDGs fil-livell nazzjonali, b'laqgħat globali ta' rendikont sabiex jiġi rieżaminat il-progress kull sentejn.

Fl-aħħar nett, l-UE hija involuta f'diversi Koalizzjonijiet/Inizjattivi għal Azzjoni⁵⁵ li jirriżultaw mis-Summit tan-NU dwar is-Sistemi tal-Ikel. B'mod parallel, qiegħda tnejn wkoll u se tippubblika “Perkors tal-UE”, li se jpoġġi l-Istrateġija F2F fid-dibattitu internazzjonali ġenerali u jagħmel l-azzjonijiet tal-UE aktar viżibbli.

Korpi tan-NU u s-CBD

⁵⁴ Il-Kummissjoni Ewropea (2021), [*Everyone at the table: co-creating knowledge for food systems transformation*](#), Webb, P. u R. Sonnino (edituri), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

⁵⁵ L-UE hija involuta fil-koalizzjonijiet/inizjattivi ta' azzjoni li ġejjin: L-Ikel Qatt Mhu Hele; Dieti Tajbin għas-Saħħa minn Sistemi tal-Ikel Sostenibbli għat-Tfal u għal Kulħadd; Il-Koalizzjoni Ikel fl-Iskejje; L-Ikel Akkwatiku u Blu; L-Agroekoloġija; Edda Ġuħ; Il-Ġlieda kontra l-Kriżijiet tal-Ikel tul ir-rabta bejn l-aspett Umanitarju, l-Iżvilupp u l-Paċi; u t-Tkabbir tal-Produttività Sostenibbli.

Fl-istess ħin, is-CBD, l-FAO u aġenziji oħrajn tan-NU msemmija fit-Taqsima 3.2 ikomplu jaqdu r-rwol taġġhom fl-avvanz tal-aġenda internazzjonali dwar diversi aspetti tas-sistemi tal-ikel sostenibbli billi jiżviluppaw miri, linji gwida u rakkomandazzjonijiet relatati ma' metodi ta' produzzjoni sostenibbli fl-agrikoltura, fl-akkwakultura u fil-produzzjoni tal-ikel. L-UE se tkompli tappoġġa b'mod proattiv l-inizjattivi kollha li jwasslu għal sistemi tal-ikel aktar sostenibbli globalment.

Ta' importanza partikolari f'dan il-kuntest hija l-15-il Konferenza tal-Partijiet (COP15) għas-CBD, li għandha tadotta l-qafas globali tal-bijodiversità ta' wara l-2020. L-abbozz⁵⁶ ta' negozjati jinkludi miri dwar l-istess kwistjonijiet bħal fl-Istrateġiji tal-UE għall-Bijodiversità u l-F2F, inklużi miri li jistgħu jitkejlu sabiex jitnaqqas l-użu tan-nutrijenti u tal-pestiċidi. L-objettiv tal-UE huwa li tinkludi miri li jistgħu jitkejlu fil-qafas globali l-ġdid f'konformità mal-miri tal-UE.

L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

L-UE hija impenjata li tirrifirma d-WTO lejn sistema ta' negozjar multilaterali aktar sostenibbli u effettiva. Din tmexxi 'l quddiem inizjattivi u azzjonijiet li jipromwovu kunsiderazzjonijiet klimatiki kif ukoll ambjentali u kunsiderazzjonijiet oħrajn ta' sostenibbiltà fid-diversi funzjonijiet tad-WTO. Fid-diskussjonijiet internazzjonali dwar il-kummerċ u l-ambjent, din tappoġġa interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-WTO li jirrikonossu d-dritt tal-membri li jipprovdu tweġibiet effettivi għall-isfidi globali, b'mod partikolari t-tibdil fil-klima, it-telfien tal-bijodiversità u t-tniġġis ambjentali.

L-UE tiegħu wkoll rwol ewlieni fl-integrazzjoni tal-kwistjonijiet ta' sostenibbiltà fil-kumitati rilevanti tad-WTO. Il-Kumitat tal-Kummerċ u l-Ambjent (CTE) tad-WTO jservi bħala l-forum ewlieni għad-diskussjoni dwar il-miżuri kummerċjali u ambjentali. Mill-pubblikazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni għamlet preżentazzjonijiet f'kull laqgħa tas-CTE dwar proposti leġiżlattivi rilevanti għall-kummerċ.

Id-Diskussjonijiet Strutturati dwar il-Kummerċ u s-Sostenibbiltà Ambjentali (TESSD), immedija f'Novembru tal-2020, huma maħsuba sabiex jikkomplementaw il-ħidma eżistenti tas-CTE u kumitati u korpi rilevanti oħrajn tad-WTO. L-objettiv tat-TESSD huwa li jiġu diskussi miżuri ambjentali relatati mal-kummerċ u li jiġu esplorati opportunitajiet għal azzjonijiet volontarji. Id-diskussjonijiet koprew ħafna suġġetti, inkluż sessjoni tematika dwar l-ikel u l-agrikoltura sostenibbli⁵⁷. Is-sostenibbiltà tal-ktajjen tal-provvista hija parti mix-xoġhol tat-TESSD. F'Diċembru 2021, ġiet adottata d-Dikjarazzjoni Ministerjali dwar il-Kummerċ u s-Sostenibbiltà Ambjentali⁵⁸ sabiex tiġi ddefinita l-ħidma futura. Il-fatt li l-kosponsors jirrappreżentaw aktar minn 86 % tal-kummerċ globali juri r-rwol importanti tad-WTO fil-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli. L-UE kienet qiegħda tmexxi l-isforzi fit-TESSD.

Fir-rigward tas-sistemi tal-ikel speċifikament, ma hemm l-ebda forum dedikat fid-WTO fejn jista' jiġi żviluppat approċċ koeżiv għall-aspetti relatati mal-kummerċ tat-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli. Peress li ħafna diskussjonijiet dwar il-kummerċ fl-ikel iseħħu fil-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (SPS), l-UE ilha tippromwovi b'mod attiv l-

⁵⁶ <https://www.cbd.int/article/draft-1-global-biodiversity-framework>

⁵⁷ <https://docs.wto.org/dol2fe/Pages/SS/directdoc.aspx?filename=q:/INF/TESSD/R4.pdf&Open=True>

⁵⁸ <https://docs.wto.org/dol2fe/Pages/SS/directdoc.aspx?filename=q:/WT/MIN21/6R2.pdf&Open=True>

estensjoni tad-diskussjonijiet fil-Kumitat SPS għal kwistjonijiet oħrajn relatati mat-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli fir-rigward tal-kummerċ internazzjonali u – għal dan il-għan – l-istabiliment ta' programm ta' hidma⁵⁹.

Il-korpi internazzjonali li jstabilixxu l-istandards

Minħabba r-rwol ċentrali li għandha l-**Kummissjoni Codex Alimentarius** (CAC) globalment fl-istabiliment ta' standards tal-ikel, li jikkontribwixxu kemm għall-protezzjoni tal-konsumaturi madwar id-dinja kif ukoll għall-iffaċilitar tal-kummerċ globali fil-prodotti tal-ikel, il-Codex jista' jkollu rwol ewlieni fl-adozzjoni globali tal-istandards ta' sostenibbiltà, billi jżid dimensjoni ambjentali mad-deliberazzjonijiet tiegħu.

Wieħed mill-prinċipji ewlenin li fuqhom huwa bbażat l-istabiliment ta' standards tal-Codex huwa l-prova xjentifika u l-użu tal-analiżi tar-riskju għas-sikurezza tal-ikel. It-testi tal-Codex iridu jkunu bbażati fuq analiżi xjentifika, imwettqa prinċipalment minn korpi esperti tal-FAO/tad-WHO⁶⁰ li jikkonsistu minn esperti indipendenti mid-dinja kollha. F'konformità mar-regoli tal-Codex, jistgħu jitqiesu fatturi leġittimi oħrajn (minbarra l-valutazzjoni xjentifika tar-riskju) rilevanti għall-protezzjoni tas-saħħa u l-prattiki tal-kummerċ ġust matul il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Codex, sakemm dawn il-fatturi jkunu jistgħu jiġu aċċettati fuq bażi dinjija (jew fuq bażi reġjonali fil-każ ta' standards reġjonali)⁶¹.

Il-viżjoni tal-UE dwar il-futur tal-Codex u l-pożizzjoni tagħha dwar il-ħtieġa li jiġu integrati kunsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà fil-ħidma tas-CAC ġiet stipulata fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fi Frar tal-2022⁶². Il-Konklużjonijiet jirrikonoxxu r-rwol kruċjali tas-CAC fl-iffaċilitar tat-tranżizzjoni globali lejn sistemi tal-ikel sostenibbli u jitolbu li l-kunsiderazzjonijiet tas-sostenibbiltà jkunu aktar prominenti fl-istandards globali tal-ikel stabbiliti mill-Codex, f'konformità mal-impenji li jieħdu l-membri tal-Codex fil-livell internazzjonali.

Fl-istess ħin, minbarra dawn l-isforzi orizzontali, l-UE se tkompli bl-involvement tagħha fl-iżvilupp ta' diversi standards individwali tal-Codex importanti mill-perspettiva tas-sostenibbiltà.

B'mod simili għall-pożizzjoni fis-CAC, l-UE se tkompli tappoġġa l-ħidma fuq korpi internazzjonali rilevanti oħrajn li jstabilixxu l-istandards. Dan jinkludi l-ħidma tal-**IPPC** dwar l-istandards internazzjonali dwar il-protezzjoni tal-pjanti li jirrispondu għall-isfidi klimatiċi u ambjentali attwali, kif ukoll l-isforzi tal-**OIE** sabiex jittejjeb it-trattament xieraq tal-annimali fil-livell globali billi jiġu adottati standards internazzjonali ġodda dwar it-trattament xieraq tal-annimali u billi tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-istandards eżistenti,

⁵⁹ <https://docs.wto.org/dol2fe/Pages/SS/directdoc.aspx?filename=q:/G/SPS/GEN1969.pdf&Open=True>. Il-Konferenza Ministerjali hija l-ogħla korp tat-teħid ta' deċiżjonijiet tad-WTO; normalment tiltaqa' kull sentejn.

⁶⁰ Il-korpi ewlenin tal-FAO/tad-WHO li jipprovdu valutazzjoni tar-riskju lill-Codex huma: Il-Kumitat ta' Esperti Konġunt tal-FAO/tad-WHO dwar l-Addittivi tal-Ikel (JEFCA), il-Laqqhat Konġunti tal-FAO/tad-WHO dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi (JMPR), il-Laqgħa ta' Esperti Konġunta tal-FAO/tad-WHO dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju Mikrobijoloġiku (JEMRA) u l-Laqqhat Konġunti tal-FAO/tad-WHO dwar in-Nutrizzjoni (JEMNU).

⁶¹ CAC (2019), [Procedural Manual 27th edition, Appendix: General Decisions, Statements of Principle Concerning the Role of Science in Codex Decision-Making Process and the Extent to Which Other Factors Are Taken Into Account](#), FAO/WHO, Ruma.

⁶² <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-6298-2022-INIT/mt/pdf>

b'mod partikolari billi tappoġġa l-Istrateġija Globali tal-OIE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali⁶³ u l-implimentazzjoni tat-Tielet Pjan ta' Azzjoni tal-Pjattaforma tal-OIE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali għall-Ewropa (2021-2023)⁶⁴.

4.2. Il-kooperazzjoni bilaterali u l-ftehimiet kummerċjali⁶⁵

Il-kooperazzjoni bilaterali

L-UE ssegwi **kooperazzjoni** mmirata mas-sħab li għandhom ir-rieda jtejbju s-sostenibbiltà u l-kwalità tal-produzzjoni lokali tagħhom (inkluż ġestjoni aħjar tal-konformità mal-istandards tal-UE u miżuri biex jiżdied il-valur tal-prodotti tagħhom fis-suq globali). Permezz tal-politika ta' kooperazzjoni tagħha mal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, l-UE tappoġġa programmi ta' bini tal-kapaċitajiet immirati lejn it-tisħiħ tas-sistemi sanitarji u fitosanitarji tal-esportazzjonijiet agrikoli f'dawk il-pajjiżi. F'dan ir-rigward, dawk il-programmi jikkontribwixxu għall-konformità mal-istandards tal-UE u jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli. L-Inizjattiva tal-UE dwar il-Kawkaw Sostenibbli hija eżempju ta' approċċ settorjali żvilupp mal-Kosta tal-Avorju u mal-Ghana u li għandu l-għan li jappoġġa l-produzzjoni sostenibbli tal-kawkaw f'dawn il-pajjiżi li tinkludi aspetti soċjali, ekonomiċi u ambjentali.

Flimkien ma' sħab ta' rieda, l-UE hija impenjata li tesplora opportunitajiet sabiex tespandi l-kooperazzjoni sabiex tkopri s-settur agrikolu kollu u sabiex tappoġġa t-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli kif previst fl-Istrateġija F2F. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni qiegħda torganizza sensiela ta' seminars (taħditiet ta' esplorazzjoni) fl-2022 ma' pajjiżi terzi sabiex tesplora oqsma ta' interess konġunt.

Il-ftehimiet kummerċjali

Wieheċ mill-prinċipji ewlenin tad-WTO huwa li l-pajjiżi ma jistgħux jiddiskriminaw bejn is-sħab kummerċjali tagħhom. Il-kummerċ isir fuq bażi ta' "nazzjon l-aktar iffavorit" (MFN). Madankollu, id-WTO tipprovdi ċerti eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju: pereżempju, il-pajjiżi jistgħu jidħlu fi ftehimiet ta' kummerċ ħieles (FTAs) jew jagħtu lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw aċċess preferenzjali għas-suq fil-forma ta' tnaqqis speċifiku fit-tariffi. L-UE daħlet f'numru kbir ta' ftehimiet kummerċjali bilaterali preferenzjali sabiex tilliberalizza l-kummerċ ma' pajjiżi terzi. Fil-fatt, kważi nofs⁶⁶ l-importazzjonijiet agroalimentari fl-UE huma soġġetti għar-regoli stabbiliti fil-ftehimiet kummerċjali inkluż l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SGP) – arranġament kummerċjali speċjali għal pajjiżi b'introjtu baxx u b'introjtu medju inferjuri.

Il-ftehimiet kummerċjali bilaterali huma primarjament għodda sabiex jiżdiedu l-flussi kummerċjali u ta' investiment bidirezzjonali, iżda jistgħu jintużaw ukoll sabiex iħeġġu lis-sħab tal-UE jagħmlu progress fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli u tal-politiki globali. Din hija r-raġuni għaliex il-ftehimiet kummerċjali l-aktar ġodda tal-UE fihom **kapitolu** dedikat **dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli (TSD)** b'impenji vinkolanti sabiex jiġu rrispettati l-

⁶³ <https://www.oie.int/app/uploads/2021/03/en-oie-aw-strategy.pdf>

⁶⁴ https://rr-europe.oie.int/wp-content/uploads/2021/10/3rd_action_plan_oie_platform_animal_welfare_europe_adopted.pdf

⁶⁵ Bl-eċċezzjoni tal-akkwakultura, il-qasam tas-sajd huwa eskluż mill-ambitu ta' din l-analiżi.

⁶⁶ Fl-2020, l-importazzjonijiet skont il-ftehimiet kummerċjali jew l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi ammontaw għal 47,5 % tal-importazzjonijiet agroalimentari (sors: il-Eurostat).

ftehimiet multilaterali dwar ix-xogħol u l-ambjent (inkluż il-klima) u sabiex jiġi żgurat li l-istandards tax-xogħol u ambjentali ma jitnaqqas sabiex jiġi attirat il-kummerċ. Meta l-pajjiż sieħeb ma jirrispettax dawn il-kundizzjonijiet, il-ftehim kummerċjali jipprevedi mezzi sabiex dan jiġi rettifikat. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pproponiet li l-UE tagħmel il-konformità mal-Ftehim ta' Pariġi element essenzjali fil-ftehimiet kummerċjali futuri kollha. B'konsegwenza ta' dan, in-nuqqas li jiġu ssodisfati l-impenji ta' Pariġi jista' jwassal għal sospensjoni unilaterali ta' ftehimiet li fihom tali dispożizzjonijiet mill-UE.

Mill-2011, l-FTAs (mal-Kanada, mal-Amerka Ċentrali, mal-Kolombja/mal-Perù/mal-Ekwador, mal-Georgia, mal-Ġappun, mal-Korea, mal-Moldova, mal-Ukrajna, mas-Singapore, mar-Renju Unit u mal-Vjetnam) kienu jinkludu kapitoli tat-TSD. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-2018 ta' 15-il Punt dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli⁶⁷ ggwida t-titjib tal-implimentazzjoni u l-infurzar tal-kapitoli tat-TSD fl-FTAs tal-UE. Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali, il-Kummissjoni qiegħda twestaq rieżami ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni, li tkopri l-aspetti rilevanti kollha tal-implimentazzjoni u l-infurzar tat-TSD⁶⁸. F'konformità mal-Istrateġija, l-UE trid tiżgura wkoll l-implimentazzjoni u l-infurzar sħaħ tad-dispożizzjonijiet tat-TSD fil-ftehimiet kummerċjali kollha.

Matul is-snin, żdiedu l-impenji dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tat-**trattament xieraq tal-annimali** u l-**AMR** mal-FTAs. Fir-rigward tat-trattament xieraq tal-annimali, il-ftehimiet jiffokaw fuq l-annimali tar-razzett bil-ħsieb li jtejbu l-fehim reċiproku tal-liġijiet u tar-regolamenti rispettivi u l-implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll fuq l-iskambju ta' informazzjoni, għarfien espert u esperjenzi f'dan il-qasam. Dwar il-kwistjoni tal-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi, l-FTAs jipprevedu l-kooperazzjoni, il-kollaborazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni sabiex jipromwovu l-użu prudenti u responsabbli tal-antibijotiċi fit-trobbija tal-annimali u l-prattiki veterinarji. L-UE tippromwovi wkoll it-tneħħija gradwali tal-użu tal-antibijotiċi bħala promoturi tat-tkabbir.

L-objettiv tal-Istrateġija F2F huwa li jiġi żgurat “kapitoli ambizzjuż dwar is-sostenibbiltà fil-ftehimiet kummerċjali bilaterali kollha tal-UE”. Il-**kapitoli** l-ġdid **dwar sistemi tal-ikel sostenibbli (SFS)** huwa mibni fuq l-esperjenza tajba bid-dispożizzjonijiet ta' kooperazzjoni stabbiliti f'FTAs preċedenti. Madankollu, dan il-kapitoli jirrappreżenta bidla importanti fil-mudell tal-kooperazzjoni bejn il-partijiet, li jmur lil hinn minn approċċ topiku għal olistiku li jinkludi l-katina alimentari kollha u li jiffoka fuq it-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli. B'dan l-objettiv, il-kapitoli dwar l-SFS jinkludi dispożizzjonijiet għall-kooperazzjoni fl-istadji kollha tal-katina alimentari mill-produzzjoni sal-konsum sabiex jitnaqqsu t-telf u l-iskart tal-ikel; jiġi miġġieled il-frodi alimentari; u sabiex issir kooperazzjoni fuq fora multilaterali u fi-xjenza tal-ikel fl-oqsma tat-trattament xieraq tal-annimali, il-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi, u t-tnaqqis tal-użu ta' fertilizzanti u pestiċidi kimiċi. Il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi kapitoli dwar sistemi tal-ikel sostenibbli fil-ftehimiet kummerċjali futuri tal-UE. Il-kapitoli dwar l-SFS diġà ntlaħaq qbil fuqu maċ-Ċili, u jinsab f'negozjati mal-Awstralja, mal-Indoneżja u man-New Zealand.

⁶⁷ Il-Kummissjoni Ewropea (2018), [Feedback and way forward on improving the implementation and enforcement of Trade and Sustainable Development chapters in EU Free Trade Agreements](#).

⁶⁸ Wieheed mill-elementi tar-rieżami huwa studju komparattiv li jeżamina kif il-pajjiżi madwar id-dinja qegħdin jimplementaw u jinfurzw il-kapitoli tat-TSD u – aktar globalment – il-liġijiet dwar il-klima, soċjali u dwar ix-xogħol: Velut, J. B. et al. (2022), [Comparative Analysis of Trade and Sustainable Development Provisions in Free Trade Agreements](#).

Huwa possibbli wkoll fi ħdan l-FTAs li jiġu **kkundizzjonati preferenzi tariffarji** sabiex jiġu ssodisfati ċerti standards, u dan naturalment huwa soġġett għall-aċċettazzjoni ta' tali kundizzjonijiet mis-sħab l-oħra. Madankollu, dan l-approċċ ġie applikat darba biss sal-lum – fl-FTA mal-Mercosur, fejn ingħatat il-liberalizzazzjoni tat-tariffi għall-bajd tal-qoxra soġġetta għall-konformità mal-istandards rilevanti tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali għat-tiġieġ tal-bajd.

L-UE kkonkludiet ukoll **Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles** aktar ambizzjużi, **Profondi u Komprensivi** mal-Georgia, mal-Moldova u mal-Ukrajna. Dawn il-ftehimiet jinkludu xi impenji sabiex tiġi approssimata l-leġiżlazzjoni ta' dawn il-pajjiżi mad-dritt tal-Unjoni, inkluż il-leġiżlazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali. B'riżultat ta' dan, meta jiġu implimentati, il-prodotti importati minn dawn il-pajjiżi se jikkonformaw mar-regoli tal-UE.

Barra minn hekk, l-UE kkonkludiet b'mod progressiv il-ftehimiet imsemmija bħala **Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni** ma' kull wieħed mis-sħab tal-Balkani tal-Punent: l-Albanija (2009), il-Maċedonja ta' Fuq (2004), il-Montenegro (2010), is-Serbja (2013), il-Bożnija-Ħerzegovina (2015) u l-Kosovo⁶⁹ (2016). Fil-fatt, dawn il-ftehimiet jikkostitwixxu l-istrument legali għall-allinjament mal-korp tad-dritt tal-UE u l-integrazzjoni progressiva fis-suq tal-UE.

Barra minn hekk, il-Ftehim ta' **Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit** jinkludi dispożizzjonijiet vinkolanti speċifiċi li jiżguraw kundizzjonijiet ekwi b'impenji għannuqqas ta' rigressjoni fuq il-livelli ta' protezzjoni f'diversi oqsma, inkluż dwar il-ġestjoni tal-impatti fuq l-ambjent mill-produttjoni agrikola jew alimentari, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' antibijotiċi u dekontaminanti.

L-għoti ta' aċċess speċjali lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw għas-suq huwa eċċezzjoni permessa oħra mir-regola MFN. Minbarra l-Iskema Ġenerali standard ta' Preferenzi (SGP), li parzjalment jew kompletament tneħħi d-dazji doganali fuq aktar minn żewġ terzi tal-linji tariffarji għal pajjiżi b'introjtu baxx u b'introjtu medju inferjuri, l-UE toffri wkoll **l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi Plus (SGP+)**, li tnaqqas l-istess tariffi għal zero għal dawg il-pajjiżi b'introjtu baxx u b'introjtu medju inferjuri li jimplementaw 27 konvenzjoni internazzjonali relatati mad-drittijiet tal-bniedem, il-protezzjoni tal-ambjent u l-governanza tajba. F'Settembru tal-2021, il-Kummissjoni adottat il-proposta leġiżlattiva għall-SGP il-ġdida għall-perjodu bejn l-2024 u l-2034. Il-proposta testendi l-listi ta' konvenzjonijiet internazzjonali li jeħtieġ li jiġu rrispettati billi jiżdied, fost l-oħrajn, il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima.

Fl-aħħar nett, id-differenzjazzjoni bejn il-prodotti importati abbażi ta' kriterji ta' sostenibbiltà tista' tapplika wkoll fin-nuqqas ta' kwalunkwe preferenza kummerċjali – jiġifieri, meta l-kummerċ isir fuq il-bażi tan-nazzjon l-aktar iffavorit (MFN). Għall-kummerċ mhux preferenzjali, l-UE tapplika tariffi f'konformità mal-iskeda tagħha tad-WTO. Fil-kuntest taċ-Ċiklu tal-Urugwaj tal-GATT (u negozjati oħrajn), l-UE impenjat ruħha għal numru ta' **Kwoti Tariffarji (TRQs)** tad-WTO, li jippermettu li volumi partikolari jiġu importati taħt tariffa aktar baxxa. Xi drabi jkun hemm **kundizzjonijiet** marbuta mal-użu ta' dawn il-kwoti tariffarji. Eżempju ta' dan huwa t-TRQs tal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja tad-WTO

⁶⁹ Din id-denominazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus u f'konformità mal-UNSCR 1244 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni ta' Indipendenza tal-Kosovo.

(magħrufa bħala l-“kwota ta’ Hilton”)⁷⁰, aċċessibbli għal diversi pajjiżi, li għal xi wħud minnhom huwa meħtieġ li l-annimali jiġu mitmugħin esklussivament il-ħaxix.

Il-ftehimiet ta’ rikonossiment reċiproku

L-UE tista’ tidħol ukoll fi **ftehimiet speċifiċi ma’ pajjiżi terzi**. Wieħed mill-eżempji eżistenti huwa l-biedja organika. Skont ir-regolament organiku l-ġdid⁷¹, prodott jista’ jiġi importat sabiex jinbiegħ fl-UE bħala prodott organiku jekk jew jikkonforma mar-regoli tal-produzzjoni u l-kontroll tal-pajjiż mhux tal-UE li huma rikonossuti skont ftehim bilaterali u awtonomu jew arranġament amministrattiv bħala ekwivalenti għal dawk fl-UE; jew ikollu ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet ta’ kontroll jew mill-korpi ta’ kontroll rilevanti f’pajjiżi mhux tal-UE li jikkonferma li l-prodott jikkonforma mal-istandards tal-UE.

4.3. Il-miżuri awtonomi tal-UE

Hekk kif ifakkar ir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali – politika kummerċjali miftuħa, sostenibbli u assertiva, f’xi każijiet, l-UE tista’ tieħu miżuri awtonomi relatati ma’ aspetti ambjentali⁷² jew etiċi tal-proċess jew tal-metodi ta’ produzzjoni ta’ prodotti importati. Tali miżuri jirriflettu wkoll id-domandi tal-konsumaturi Ewropej li qegħdin isiru dejjem aktar konxji tal-aspetti ambjentali, tas-saħħa, soċjali u etiċi tal-produzzjoni tal-ikel u jridu jingħataw is-setgħa li jagħżlu ikel prodott b’mod sostenibbli⁷³. Xejriet simili jistgħu jiġu osservati wkoll f’partijiet oħrajn tad-dinja, fejn is-sistemi regolatorji nazzjonali jirrikorru għar-regolamenti tal-PPMs li japplikaw għall-prodotti importati.

Minħabba d-daqs tas-suq tal-UE u l-volumi tal-importazzjonijiet fl-UE ta’ ċerti komoditajiet, xi rekwiżiti tal-UE għall-produtturi barra mill-pajjiż sabiex jaqilbu lejn metodi ta’ produzzjoni aktar sostenibbli jistgħu jwasslu għal impatt konsiderevoli globalment⁷⁴.

Filwaqt li l-konformità mal-istandards tal-UE li jirregolaw l-importazzjonijiet agroalimentari tista’ tkun ta’ sfida għal xi operaturi tan-negozju tal-ikel f’pajjiżi terzi, dawn jiġu ppremjati bl-aċċess għal suq miftuħ ta’ aktar minn 400 miljun konsumatur, sett ta’ miżuri li jiffaċilitaw il-kummerċ u preżżijiet ogħla mħallsa mill-konsumaturi tal-UE meta mqabbla ma’ swieq oħrajn. Barra minn hekk, peress li l-UE hija punt ta’ riferiment dinji għall-istandards tas-sikurezza tal-ikel, il-konformità tagħti wkoll aċċess għal swieq oħrajn li ħafna drabi jkollhom valur għoli. Għal dawn ir-raġunijiet, minkejja l-fatt li r-regoli tal-UE jistgħu jitqiesu stretti, l-esportazzjonijiet lejn l-UE għadhom juru xejra li qiegħda tiżdied.

⁷⁰ Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 593/2013 tal-21 ta’ Ġunju 2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta’ kwoti tariffarji għaċ-ċanga friska ta’ kwalità għolja, imkessħa u ffriżata, u għal-laħam tal-buflu ffriżata, ĠU L 170, 22.6.2013, p. 32.

⁷¹ Ir-Regolament (UE) 2018/848 tat-30 ta’ Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta’ prodotti organiċi, ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1.

⁷² Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jiddikjara li “ikel importat li ma jikkonformax mal-istandards ambjentali rilevanti tal-UE ma huwiex permess fis-swieq tal-UE”.

⁷³ Ewrobarometru Speċjali 505. [Making our food fit for the future – Citizens’ expectations](#). Ottubru tal-2020.

⁷⁴ Pereżempju, meta wieħed iħares lejn id-deforestazzjoni inkorporata (bħala esternalità) fil-konsum finali totali (fi prodott, oġġett, komodità jew servizz, prodott, innegożjat jew ikkunsmat), xi mudelli jikkalkolaw li l-konsum tal-UE jirrappreżenta madwar 10 % tas-sehem globali (KE (2019). Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: It-tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja. COM(2019)352 final).

Minbarra l-miżuri dwar it-trattament xieraq tal-annimali li diġà huma fis-seħħ (ara t-Taqsima 2.2), bħalissa qegħdin jitħejjew għadd ta' atti legali jew proposti leġiżlattivi li għandhom l-għan li jirrestrinġu l-metodi ta' produzzjoni relatati mat-trattament xieraq tal-annimali jew mal-protezzjoni tal-ambjent fil-livell tal-UE.

L-ewwel nett, il-Kummissjoni pproponiet regolament dwar **prodotti mingħajr deforestazzjoni**⁷⁵, ibbażat fuq sistema ta' regoli obligatorji dwar id-diliġenza dovuta. Il-proposta għandha l-għan li tipprevjeni d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti assoċjati ma' prodotti u komoditajiet imqiegħda fis-suq tal-UE, bħas-sojja, il-frat, iż-żejt tal-palm, il-kawkaw, il-kafè u l-injam. L-objettiv huwa li jiġi mminimizzat il-konsum ta' prodotti li ġejjin minn ktajjen tal-provvista assoċjati mad-deforestazzjoni jew mad-degradazzjoni tal-foresti – u li tizzied id-domanda tal-UE għal komoditajiet u prodotti legali u “mingħajr deforestazzjoni” u l-kummerċ fihom. Il-proposta tindirizza kemm id-deforestazzjoni legali kif ukoll dik illegali u d-degradazzjoni tal-foresti kkawżata mill-produzzjoni ta' dawn il-komoditajiet. L-operaturi u l-awtoritajiet se jkunu jistgħu jivverifikaw jekk il-prodotti jew il-komoditajiet humiex mingħajr deforestazzjoni billi jużaw il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni u l-monitoraġġ mill-bogħod permezz ta' immaġnijiet satellitari. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni internazzjonali effiċjenti mal-pajjiżi produttori u tal-konsumaturi, u f'fora bilaterali u multilaterali, huma fundamentali għall-promozzjoni tat-tranżizzjoni lejn produzzjoni agrikola sostenibbli u għestjoni sostenibbli tal-foresti kif ukoll għall-identifikazzjoni u l-qbil ta' standards u definizzjonijiet globali robusti.

Fi Frar 2022, il-Kummissjoni adottat ukoll proposta għal Direttiva dwar id-**diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva**⁷⁶. L-objettiv ta' din id-Direttiva huwa li trawwem imġiba korporattiva sostenibbli u responsabbli u li timponi dazju ġenerali fuq kumpaniji akbar (l-SMEs huma esklużi mill-ambitu tal-applikazzjoni tal-proposta) sabiex jiġu indirizzati d-drittijiet tal-bniedem u l-impatti ambjentali negattivi fl-operazzjonijiet u l-governanza korporattiva tagħhom. Dan id-dazju jirreferi wkoll għall-ktajjen tal-valur tagħhom barra mill-UE. Ir-regoli dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva jiġu infurzati permezz ta' miżuri amministrattivi, inkluż sanzjonijiet u ordnijiet ta' konformità, kif ukoll permezz ta' responsabbiltà ċivili li tagħti kumpens għad-danni li jirriżultaw min-nuqqas ta' konformità mal-obbligi li jinsabu fil-proposta.

Barra minn hekk, l-Istrateġija F2F tħabbar li “l-aspetti ambjentali se jitqiesu meta jiġu vvalutati l-applikazzjonijiet għat-**tolleranzi għall-importazzjoni għall-pestiċidi** li ma għadhomx permessi fl-UE, filwaqt li jiġu rrispettati l-istandards u l-obbligi tad-WTO”⁷⁷.

It-tolleranzi għall-importazzjoni huma l-livelli massimi ta' residwi (MRLs) għall-pestiċidi li huma bbażati fuq l-użi awtorizzati barra mill-UE⁷⁸. Dan jista' jinkludi l-istabbiliment ta' MRLs għal sustanzi li ma għadhomx approvati fl-UE (għal raġunijiet għajr raġunijiet ta'

⁷⁵ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll dwar l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 (COM(2021)706 final), <https://ec.europa.eu/environment/forests/deforestation-proposal.htm>.

⁷⁶ https://ec.europa.eu/info/publications/proposal-directive-corporate-sustainable-due-diligence-and-annex_en

⁷⁷ Ara n-nota 20, p. 18.

⁷⁸ L-Artikolu 3(2)(g) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali, ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

saħħa pubblika), li jistgħu jkunu meħtieġa minħabba li l-produtturi f'pajjiżi terzi jiffaċċjaw kundizzjonijiet ta' produzzjoni u pressjonijiet ta' pesti differenti minn dawk fl-UE. L-użi jistgħu jkunu differenti għall-istess sustanza fuq l-istess għalla. It-tolleranzi għall-importazzjoni jistgħu jkunu relatati wkoll ma' għelejjel li ma jtkabbrux fl-UE (eż. ċerti frott jew ħxejjex eżotiċi u kafè, kawkaw jew te), u għalhekk ma jiġi stabbilit l-ebda MRL ibbażat fuq l-użi tal-UE.

S'issa, l-enfasi meta jiġu stabbiliti l-MRLs għall-pestiċidi, inkluż għat-tolleranzi għall-importazzjoni, kienet biss fuq prattiki agrikoli tajbin u fuq il-protezzjoni tal-konsumaturi tal-UE. Dan ir-rekwiżit se jkompli japplika. Barra minn hekk, madankollu, f'konformità mal-impenji fl-Istrateġija F2F, l-aspetti ambjentali se jitqiesu wkoll fil-proċess tal-istabbiliment tal-MRLs, inkluż it-tolleranzi għall-importazzjoni.

Barra minn hekk, kif imħabbar fl-Istrateġija F2F, il-Kummissjoni qiegħda tnejn **reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali**, bi proposti leġiżlattivi pplanati għal tmiem l-2023. Kif imsemmi fit-tweġiba tal-Kummissjoni għall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej "Tmiem l-Era tal-Gaġġa"⁷⁹, f'dawn il-proposti leġiżlattivi l-Kummissjoni beħsiebha tinkludi dispożizzjonijiet sabiex jitneħħa gradwalment u fl-aħħar jiġi pprojbit l-użu ta' gaġeġ, stalel u mqajjel għall-ħnieżer tat-trobbija, tiġieġ tal-bajd, għoġġiela, fniek, għewietaq, tiġieġ tat-tnissil, tiġieġ għall-produzzjoni tal-bajd, papri, wiż u summien.

Fir-rigward tal-prodotti importati, il-Kummissjoni se tqis, bħala waħda mill-opzjonijiet, l-introduzzjoni ta' regoli li jirrikjedu li l-prodotti importati nkisbu taħt kundizzjonijiet li huma ekwivalenti għar-regoli tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali, jew xi wħud minnhom, u/jew rekwiżit ta' tikkettar għall-prodotti importati wkoll (li jiffokaw jew fuq il-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni jew li jkopru aktar kriterji dwar it-trattament xieraq tal-annimali), f'konformità mar-regoli tad-WTO.

Il-Kummissjoni se tikkunsidra wkoll opzjonijiet għal **tikkettar imtejjeb dwar it-trattament xieraq tal-annimali** sabiex tgħin fit-trażmissjoni tal-valur permezz tal-katina alimentari u bi tweġiba għall-interess dejjem akbar tal-konsumatur fil-kundizzjonijiet tal-biedja tal-annimali. Fil-preżent, minbarra l-istandard obligatorju tal-bajd għall-ikel imsemmi hawn fuq, asserzjonijiet oħrajn dwar it-trattament xieraq tal-annimali huma volontarji u fil-biċċa l-kbira ma humiex armonizzati fil-livell tal-UE⁸⁰, u dan spiss jagħmilha diffiċli għall-konsumaturi sabiex jifhmu diversi asserzjonijiet preżenti fuq it-tikketti tal-ikel. Sottogrupp taħt il-Pjattaforma tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali ppreżenta konklużjonijiet dwar it-tikkettar tat-trattament xieraq tal-annimali f'Ġunju tal-2021⁸¹. Il-Kummissjoni ppubblikat studju estern li jiġbor *data* dwar it-tikketti eżistenti dwar it-trattament xieraq tal-annimali u l-attitudnijiet u l-aspettattivi tal-konsumaturi f'April tal-2022⁸² u qiegħda twettaq valutazzjoni tal-impatt dwar leġiżlazzjoni possibbli tal-UE dwar it-tikkettar tat-trattament xieraq tal-annimali.

⁷⁹ https://europa.eu/citizens-initiative/initiatives/details/2018/000004_mt

⁸⁰ L-uniċi standards volontarji armonizzati fil-livell tal-UE huma l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għat-tjur li jkun fihom referenza għat-tipi ta' biedja (ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 543/2008 tas-16 ta' Ġunju 2008 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għal-laħam tat-tjur, ĠU L 157 17.6.2008, p. 46) u r-regoli tal-UE dwar il-biedja organika li jeħtieġu standard għoli ta' trattament xieraq tal-annimali.

⁸¹ https://ec.europa.eu/food/system/files/2021-06/aw_platform_plat-conc_awl-subgroup-conclusion.pdf

⁸² <https://data.europa.eu/doi/10.2875/676603>

Minbarra l-azzjonijiet individwali msemmija hawn fuq, sabiex tiġi żgurata bis-sħiħ il-koerenza tal-politika u tiġi integrata s-sostenibbiltà fil-politiki kollha relatati mal-ikel, l-Istrateġija F2F ipprevediet, sa tmiem l-2023, l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-proposta ewlenija tagħha: **liġi qafas orizzontali dwar sistema tal-ikel sostenibbli**, bħala qafas għal definizzjonijiet komuni u prinċipji u rekwiżiti ġenerali li jirregolaw is-sostenibbiltà tal-ikel prodott jew imqiegħed fis-suq tal-UE u operazzjonijiet tal-ikel relatati. L-għan ta' tali intervent fil-livell tal-UE jkun li jiġu stabbiliti l-pedamenti ġodda għal politiki futuri dwar l-ikel billi jiġu introdotti objettivi u prinċipji ta' sostenibbiltà fuq il-bażi ta' approċċ ta' sistema tal-ikel integrata.

Il-**qafas tat-tikkettar tas-sostenibbiltà** se jkun parti mill-leġiżlazzjoni qafas tas-sistema tal-ikel sostenibbli. Il-qafas tat-tikkettar tas-sostenibbiltà se jirregola l-għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-prestazzjoni tas-sostenibbiltà tal-prodotti tal-ikel fir-rigward tan-nutrizzjoni, il-klima, l-ambjent u l-aspetti soċjali tagħhom. Dan jista' jkun element importanti tal-Istrateġija F2F li tikkonsisti fit-tibdil fix-xejriet tal-produzzjoni billi l-konsumaturi jingħataw is-setgħa li jagħmlu għażliet informati u sostenibbli dwar l-ikel.

Fl-aħħar nett, il-**“Kodiċi ta' Kondotta volontarju dwar in-Negozju Responsabbli tal-Ikel u l-Prattiki ta' Kummerċjalizzazzjoni”**⁸³ jifforma parti integrali mit-triq tal-UE lejn sistemi tal-ikel sostenibbli. Dan fih sett ta' seba' objettivi ta' aspirazzjoni, kull wieħed bil-miri u bl-azzjonijiet indikattivi tiegħu. Għan-negozji li huma attivi kemm fl-UE kif ukoll lil hinn minnha, l-impenji japplikaw fil-prinċipju għall-bejgħ/l-attivitajiet fl-UE, inklużi l-impatti relatati mal-ktajjen tal-provvista tagħhom f'pajjiżi terzi (assoċjati ma' dan il-bejgħ/dawn l-attivitajiet). Il-kumpaniji jistgħu jressqu wkoll impenji li japplikaw għall-bejgħ/l-attivitajiet globali totali tagħhom (u l-ktajjen tal-provvista relatati), li jagħmlu l-biċċa l-kbira tal-kumpaniji multinazzjonali. Il-Kodiċi daħal fis-seħħ f'Lulju tal-2021 u bħalissa għandu aktar minn 100 firmatarju.

5. KUMMENTI TA' KONKLUŻJONI

Illum hemm kunsens wiesa' dwar il-ħtieġa ta' tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli u reżiljenti. L-UE, bil-Patt Ekoloġiku ambizzjuż tagħha u bħala attur globali fis-swieq agroalimentari, għandha rwol importanti fit-tmexxija ta' dik it-tranżizzjoni globali. Il-kriżi tal-COVID-19 u l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja esponew vulnerabbiltajiet tas-sistemi agrikoli u tal-ikel li jeħtieġ li jiġu indirizzati billi titthaffef il-bidla lejn sistema tal-ikel tal-UE sostenibbli u reżiljenti.

Standards u objettivi ambizzjużi dwar is-saħħa, l-ambjent u oħrajn ta' sostenibbiltà ma humiex jaqdu l-interessi tal-UE. Kollha jikkontribwixxu sabiex jintlaħqu objettivi leġittimi dwar it-tħassib globali, anke f'konformità mal-approċċ “Saħħa Waħda”.

It-tħassib globali jeħtieġ azzjonijiet globali. Li tkun pijuniera jimplika ċerti sfidi u riskji. Ir-Rapport analizza tliet oqsma ewlenin u komplementari ta' azzjoni tal-UE għat-tisħiħ u għall-promozzjoni tal-istandards tas-saħħa u ambjentali.

L-UE se tkompli bl-isforzi tagħha fil-**livell multilaterali** sabiex tikseb appoġġ u tilħaq – idealment – kunsens globali dwar il-ħtieġa ta' azzjoni u standards li jintlaħaq qbil fuqhom fil-livell internazzjonali. Filwaqt li l-UE u l-Istati Membri tagħha diġà juru livell għoli ta'

⁸³ https://ec.europa.eu/food/horizontal-topics/farm-fork-strategy/sustainable-food-processing/code-conduct_en

involvement u ta' tmexxija f'ħafna minn dawk il-fora, objettiv fit-tul importanti se jkun l-intensifikazzjoni, il-koordinazzjoni u s-sinerġiji aħjar sabiex jiżiedu l-istandards tas-saħħa, tal-ambjent u ta' sostenibbiltà oħra.

Il-ftehimiet kummerċjali u l-kooperazzjoni bilaterali jipprovdu opportunitajiet sabiex isir l-istess mal-pajjiżi sħab. Bl-aġenda kummerċjali ambizzjuża tagħha, l-UE diġà għamlet progress f'dan il-qasam. Għal aktar minn għaxar snin, il-ftehimiet kummerċjali inkludew kapitolu dwar it-TSD u dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali u l-AMR. Il-ftehimiet li bħalissa qegħdin jiġu nnegożjati jipprevedu kapitolu dwar Sistemi tal-Ikel Sostenibbli u l-UE se tipponi dan fi kwalunkwe ftehim futur.

L-UE se tkompli tiżgura l-koerenza tal-aġenda tagħha dwar is-sostenibbiltà mal-politiki tagħha dwar it-ktabbir, il-viċinat u l-iżvilupp. Dan jimplika wkoll li jitqiesu l-impatti kummerċjali fuq pajjiżi terzi. Miżuri ta' akkumpanjament, inklużi l-finanzjament, il-kooperazzjoni teknika u l-bini tal-kapaċitajiet, jistgħu jkunu importanti sabiex jgħinu lis-sħab kummerċjali meta jinvolvu ruħhom fi Prattiki aktar sostenibbli, speċjalment għall-pajjiżi l-aktar vulnerabbli u s-sħab ġirien li jwettqu impenji ambizzjużi f'dawk l-oqsma.

Kif turi l-valutazzjoni ta' hawn fuq, l-UE tista' wkoll tiegħu miżuri **b'mod awtonomu** meta jkun meħtieġ sabiex tindirizza t-tħassib ambjentali globali jew kwistjonijiet dwar it-trattament xieraq tal-annimali. L-applikazzjoni tar-regolamenti tal-PPM għal prodotti importati f'dawn l-oqsma trid issir b'rispett sħiħ tar-regoli tad-WTO u impenji internazzjonali oħrajn. Xi miżuri meħuda mill-UE b'mod awtonomu sabiex jiġu regolati l-aspetti ambjentali jew etiċi globali tal-prodotti importati, anke jekk f'konformità sħiħa mar-regoli tad-WTO, xorta jistgħu jkunu kontroversjali għall-membri tad-WTO u dejjem jistgħu jiġu kkontestati skont is-sistema tad-WTO għas-soluzzjoni tat-tilwim. Il-miżuri determinati li huma illeġittimi jew protezzjonisti u inkonsistenti mal-bilanċ tal-obbligi u d-drittijiet internazzjonali tal-UE jistgħu jesponu lill-UE għal riskju ta' ritaljazzjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, il-proposti regolatorji jeħtieġ li ssirilhom valutazzjoni każ b'każ tal-kompatibbiltà tagħhom mad-WTO. Filwaqt li tabilħaqq hemm spazju ta' politika sabiex tiġi segwita l-applikazzjoni tar-rekwiżiti tas-saħħa u tal-ambjent (inkluż it-trattament xieraq tal-annimali) fuq il-metodi ta' proċess u ta' produzzjoni għall-prodotti importati b'mod kompatibbli mad-WTO, kull każ jeħtieġ li jiġi analizzat bir-reqqa fuq il-merti tiegħu stess.

Minbarra l-kwistjoni tal-kompatibbiltà tad-WTO, l-analiżi każ b'każ ta' miżuri possibbli jeħtieġ li tqis ukoll il-fattibbiltà teknika u ekonomika tal-mekkaniżmi ta' kontroll. Peress li huma l-metodi ta' produzzjoni jew ipproċessar fil-pajjiż terz li qegħdin jiġu regolati, il-fattibbiltà u l-proporzjonalità ta' mezzi adegwati għall-kontroll u l-infurzar tal-applikazzjoni tagħhom iridu jiġu vvalutati fir-rigward tal-kostijiet u l-benefiċċji ta' dan. Din id-dimensjoni teħtieġ aktar enfasi.

Bħala konklużjoni, hemm xi lok sabiex l-istandards tal-produzzjoni tal-UE jiġu estiżi għall-prodotti importati diment li dan isir b'rispett sħiħ tar-regoli rilevanti tad-WTO. Dan ir-Rapport, minbarra l-valutazzjoni tal-fattibbiltà legali u teknika ta' dan, u l-ispjegazzjoni tar-restrizzjonijiet li japplikaw, jindika wkoll firxa wiesgħa ta' oqsma fejn l-UE diġà, b'mod leġittimu, estendiet għall-prodotti importati l-istandards tal-produzzjoni domestika tagħha, kemm jekk permezz ta' strumenti multilaterali, bilaterali kif ukoll permezz ta' strumenti

awtonomi. Ir-Rapport juri li qabel ma jiġu applikati l-istandards tal-produzzjoni għall-importazzjonijiet, dejjem huwa essenzjali li ssir valutazzjoni każ b'każ.

Il-Kummissjoni temmen li wettqet il-mandat tekniku mogħti lilha mill-Kunsill u mill-Parlament, u li ġie mfakkar fil-paragrafu tal-ftuħ ta' dan ir-Rapport. Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew sabiex jikkunsidraw bir-reqqa s-sejbiet u l-gwida stabbiliti f'dan ir-Rapport u jqisuhom f'deliberazzjonijiet futuri.